
MONS SION
IN JERUSAL



Il-Qaddis
San Franġisk t'Assisi
mar-Rħieb Sħabu
jasal Ġerusalem
u jitolbu l-Barka t'Alla
Qabel jidħlu
Fiha.

Id-Disa' Sena LULJU - SETTEMBRU, 1963 Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

## LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Id-Disa' Sena LULJU - SETTEMBRU, 1963 Għadd 3


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Il-Qari tal-Kotba Mqaddsa (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 65

Zjara 'l Ġerusalem (Hanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... ... ... 66

Hrejjef tal-Patrijiet (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 80

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... ... 83

Mewt u Ħajja (L-Editur) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 87

San Ġwann u l-Ġiradi (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... ... 89

Mirjam in-Nasrija (Fra Nazarenu) ... ... ... ... ... ... ... 91

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 93

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# IL-QARI TAL-KOTBA MQADDSA

*Bil-Malti ngħidu: "Għidli ma' min tagħmilha, u ngħidlek min int". U l-Ingliżi jgħidu: "Għidli x'kotba taqra u ngħidlek min int". U kif naraw b'għajnejna, jekk inħarsu ftit ma' dwarna, dan hu kollu minnu; in-nassâb ijħobb jaqra fuq il-għasafar, u s-sajjied ijħobb jaqra fuq il-ħut. L-Astronmu fuq il-kwiekeb, u l-Arkeolgu, fuq l-egħwejjed tal-antik. Kull ħadd fuq il-ħaġa li jħobb. Dan sa fejn ijmiss id-dinja.*

*Imma wlied Adam m'hux b'din id-dinja biss jemmnu. Mill-fdalijiet tagħhom bikrija jidher li minn dejjem kienu jemmnu li, bħal ma għandhom ġisem li jmut, hekk ukoll għandhom ruħ li ma tmutx. Ruħ, li tibqa' ħajja għal dejjem, f'dinja oħra, fil-hemm jew fil-hèna, skond ma kien egħmilhom, ta' ġid jew deni, fuq din l-art. Il-fehma li n-nies għandhom ruħ dejjiema, u li jridu jagħtu ħaqq ta' egħmilhom lil Wieħed li hu Sid ta' kollox, ma jistax ijkun li ġiet mix-xej. Ġiet, għax kien hemm xi żmien, ilù, li fih Sid il-ħulqien kien magħruf min-nies tad-dinja, bħal ma huma kienu jagħarfu lil xulxin. Għal hekk miktub li: "Alla sejjah lill-Adam u qallu: "Fejn int?" (Nisel, III, 9); u li: "Alla qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk?' " (Nisel, IV, 9). U li: "Alla deher lill-Abram fil-wied ta' Mambre" (Nisel, XVIII, 1), u wisq kliem ieħor bħal dan. Imma dan is-Sid ta' kollox, dan Alla, kif ijridna ngħixu f'din id-dinja, biex fl-oħra ma nitgħażżbux?*

*Il-fehma t'Alla fuq kif għandu jgħix bin Adam f'din id-dinja, tinsab imfissra fil-Kotba Mqaddsa, jiġifieri, f'dak il-Ktieb li ngħidulu Bibbja. Fil-qasma tiegħu msemmija Għaqda l-Qadima, hu miktub kif ried Alla li jgħixu n-nies ta' żmien Mosè, u hekk tahom il-Liġi tiegħu minn fuq Ġebel Sinaj. U hemm jinsab ukoll kif kienu ijgħallmu l-Profeti li kellha titħares il-Liġi ta' dak iż-żmien. Fil-Għaqda l-Ġdida, mbagħad, insibu l-Kliem u l-Egħmil ta' Alla n-Nifsu, meta ħa' l-ġisem u sar huwa wkoll bin Adam, u kellu l-Isem ta' Ġesù, u wara miet imsallab biex jifdi lil kull ħadd. Hemm miktub ukoll il-kliem tal-Appostli li semgħu lil Ġesù ijgħallem, u l-aktar tal-Appostlu l-Kbir, li għal kemm ma kienx ma' Ġesù, kien imnebbah minnu, jiġifieri l-Appostlu Missierna san Pawl.*

*Jekk mela rridu nkunu għaqlin, inżommu dejjem taħt għajnejna dawn il-Kotba li ngħidulhom Bibbja, jiġifieri l-Kotba Mqaddsa. U naqraw dali fihom, biex inkunu nafu sewwa kif iridna ngħixu Alla, s-Sid tagħna, bħala qaddejja tiegħu, kif tas-sew għandna nkunu, fuq din l-art. Żomm, mela l-Bibbja, dejjem fejn tilħaqha, fuq il-mejda tal-kitba jew fil-ħanut tax-xogħol. Bħal ma ħadd ieħor jixref fit-tieqa biex jieħu n-nifs u jderri, int iftaħ il-Ktieb Imqaddes, ħalli tagħti n-nifs lil ruħek u tieħu s-saħħa b'dak il-kliem li fiha, għaref, tajjeb u sabiħ. Qiegħed il-Bibbja ħdejn soddtok, u aqra ftit fiha qabel ma torqod, u ftit ieħor fil-għodu, malli tqum. Għix dejjem fuq ir-raj tagħha, għax iż-żmien għaddej, jiġri, jum wara jum, u ġimgħa wara ġimgħa, u wara kollox tiġi l-Mewt. Kun għaqli, u agħmel issa kull ħaġa li f'dak il-ħin tal-biża' tixtieq tagħmel u ma tistax.*

*ID-DIREZZJONI.*

# ZJARA 'L GERUSALEM

"Trid tiġi Ġerusalem?" saqsieni darba, f'Novembru li għadda, l-Patri Kumissarju tat-Terra Santa. "Jien sa mmur s'hemm għal Għid il-Kbir. Jekk trid tiġi, mmorru flimkien".

Jien kont Ġerusalem, qabel. U domt hemm biċċa sewwa, għax domt fuq it-tnaxer sena. Imma xtaqt narġa' naraha; u wkoll, kelli wegħda x'intemm. U l-Patri għal hekk saqsieni, għax kien jismagħni ngħid li rrid narġa' mmur.

nofs inhar. Wasalna Katanja meta kien dalam.

Il-għada l-Pulizija ta' hemm tawna l-permess li ninżlu l-art, u nżilna. Il-Kumissarju għandu l-ħbieb Franġiskani hemmekk, u mar jarahom, u mort jien ukoll. Il-għada, l-Ħadd, irġajna nżilna l-art, u dħalna naraw il-Kattedral ta' Sant'Agti l-ewwel, imbagħad morna Aċireale, id-Dejr tal-Franġiskani, qrib l-Etna, u l-Pat-



*Libnân — Id - Dejr tal-Franġiskani f'Ħarisa fejn għandhom skola tas-Subjien li jridu jsiru rħieb.*

(*Ara l-faċċata li ġejja*)

"Xi kemm tkun in-nefqa?" saqsejtu jien. U qalli, bejn wieħed u ieħor. U rajt li n-nefqa kont niflaħha. "Tajjeb, mela. Niġi!" weġibtu jien.

* * *

Għamilt passaport ġdid, għax li kelli kien għadda żmienu, u jum ittluq minn Malta wasal. Kien il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu li għadda. F'xi l-11 ta' fil-għodu rkibna l-ġifen — ġifen Daniż tat-tagħbija, li kellu żewġ kabini għal passiġġieri wkoll — u tlaqna lejn Sqallija l-ewwel, ftit fuq

ri qaddes hemm. F'nofs inhar kilna mal-Franġiskani, fir-refettorju tagħhom. U ftit wara tlaqna lejn Katanja u tlajna fuq il-ġifen li kien iħott it-travi tal-ħadid, għad li kien il-Ħadd. It-Tnejn fil-għodu wkoll inżilna l-art. Żorna Dejr ieħor Franġiskan, imbagħad morna ftit il-Villa Bellini u rajna l-istatwi tan-nies kbar Taljani li jinsabu hemm. U rajna wkoll l-arloġġ tal-fjuri li jsemmuh hawn Malta — li ma hu arloġġ tal-fjuri xej. Fis-6,15 ta' fil-għaxija l-ġifen telaq u fid-9 tal-pitgħada fil-

għodu wasalna fil-port tal-Greċja li jgħidulu l-Pirew.

Hawn ukoll il-Pulizija tawna karta biex ninżlu l-art; imma dik inhar ma stajniex ninżlu, għax il-ġifen rabat f'nofs il-port, 'il bgħid mill-art, u dgħajjes ma kienx hemm. Il-għada, imma ftit wara s-7, fil-għodu l-ġifen iċċaqlaq u resaq mal-mol. Aħna nżilna l-art, sarrafna xi ħaġa tal-flus, għax flus Griegi ma kellniex, u rkibna l-ferrovija u morna sa Ateni. Tlajna naraw l-Akropli, u fuqha l-Arjupagu, fejn darba ppriedka san Pawl (Atti, XVII, 15-34). Il-Kumissarju kien hemm drabi oħ-



*Libnân — Il-Madonna l-Ħarisa, imsemmija hekk għax hi tħares lil pajjiż minn kull ħsara.*

ra, u ma riedx jibqa' tiela' sa fuq nett. Qagħad jitkellem ma' wieħed Grieg li jaf l-Ingliż. Jien tlajt. Dort kull imkien bil-għaġla, u ttawwalt fil-knejjes Pagani li hemm; u ġbart mill-art biċċa fuħħara u xħettha fil-but, tifkira, u nżilt. Sibt il-Patri, morna rkibna l-ferrovija u tlaqna lejn il-port. Fil-għaxija tlaqna m i l l - Pirew, u wara jumejn u tliet iljieli baħar, fil-għodu bikri, w a s a l n a Bejrut.

Bejrut hi belt kbira u sabiħa. Fiha 'l fuq min-nofs miljun ruħ, aktar min-nofshom Insara. Il-knisja tal-Franġiskani, fil-għodu, l-ħin kollu mimlija bin-nies. Meta tkun barra ma tarax ħlief nies, huma u għaddejjin minn quddiem il-knisja, jroddu s-salib. Qagħdna f'Bejrut jumejn u nofs: mill-Ħadd fil-għodu sat-Tlieta fis-1,30 ta' wara nofs inhar. Kif konna hemm, darba morna f'belt f'xatt il-baħar, jisimha Ġunija, u minn hemm tlajna (dejjem bil-karozza) f'belt oħra, fil-għoli, fuq l-iġbla, jisimha Harîsa, fejn il-Franġiskani għandhom Dejr u skola għat-tfal subien li jridu jsiru Rħieb. Ftit bgħid mid-Dejr, hemm dik l-istatwa tal-Madonna, kbira għall-aħħar, fuq kappella donnha borġ imlenbet, li ktibna fuqha darba (ara dan il-Qari, is-Seba' sena, April Ġunju, 1961). Magħna kien hemm Patri Spanjol. Hu u l-Kumissarju baqgħu isfel, jitħaddtu, ħada l-kappella, imma jien tlajt it-taraġ kollu sa fuq nett, fejn kien hemm nies oħra wkoll. Imbagħad morna d-Dejr ta' Harîsa, u l-Patri Spanjol għamel naqra ta' ċerimonja — libbes ta' Franġiskan tifel ta' xi sentejn u nofs, għax kellu wegħda. Imbagħad, l-Ajk Ġermanis, li hemm, ġebilna l-gallettini u fetħilna flixkun birra kbir kull wieħed. Kilna gallettina, xrobna l-birra, qagħdna nitkellmu ftit, iżżejnieh ħajr, u tlaqna mill-ġdid lejn Bejrut.

Dort ftit ma' Bejrut, darba waħdi (u xtrajt xi kotba: Dizzjunarju In-

gliż-Għarbi; Il-Għâhed il-Ġedid [New Testament], bil-Għarbi wkoll u l-Qorân) u darba mal-Kumissarju u għoġobni wisq. Imbagħad tlaqna minn hemm, bit-*taxi*, għal Damasku. Għaddejna minn ġewwa widjien u minn fuq iġbla għolja, u ħin minnhom għaddejna bit-*taxi* minn ġewwa s-sħab! Tas-sew! It-triq kienet tgħaddi minn fuq quċċata ta' ġebel għoli, li dak il-ħin kien mgħotti bis-sħâb, u aħna, bit-*taxi*, għaddejna min-nofsu. Kien hemm karozzi oħra għaddejjin, kollha bil-fanali jixegħlu, għad li ma kienux daqqu it-3 ta' Misilmin, li jgħidulha tal-Ummâwi (l-Ummajjadi), li l-ewwel kienet tempju tal-Pagani, fi żmien ir-Rumani, imbagħad Bażilka tal-Insara fi żmien il-Biżantîn. Hemm bħal qabar ġewwa fiha bil-koppla fuqu, fejn jgħidu li hemm ras san Ġwann il-Għammied. U naħa oħra hemm il-qabar ta' Sâleh id-Din. Għaddejna wkoll mit-triq id-Dritta (Atti, IX, 11), u żorna d-dar ta' Hananija, u l-kappella tal-Waqgħa ta' san Pawl, u l-Għar ta' ma' ġenbha u Bab Tuma. Rajna, d-Dar ta' Ġuda, (li issa hi Moskija żgħira tal-Misilmin) fejn



*Is-Surija — Dehra ta' sehem mill-belt ta' Damasku. Fil-bgħid jidher il-kanpnar tal-knsija tal-Franġiskani.*

wara nofs inhar. Imbagħad bdejna neżlin 'l isfel u wsalna f'wetgħa, u dħalna Damasku, li hi belt kbira u sabiħa, b'toroq ġodda u wesgħin, b'karozzi u trammijiet jiġru fihom, ilellxu bl-indafa, donnhom ħarġu mill-magħmel il-lum. Domna Damasku qisna jum, għax il-għada tlaqna. Imma lħaqna dorna dawra sewwa mal-belt, biċċa bit-*taxi* u biċċa bil-mixi. Żorna l-Moskija l-Kbira tal-tgħammed san Pawl, ftit wara li deherlu Kristu. U fil-knisja tal-Franġiskani, rajna wkoll il-għadam ta' uħud mir-Rħieb (Franġiskani) li kienu qatlu d-Drużi f'Lulju ta' mitt sena ilu (1860). Dal-għadam jinstab fuq artal, ġewwa tebut tal-kristall b'żewġ saffi. Hemm erbat irjus tar-Rħieb maqtula. Wieħed minnhom għandu daqqa ta' mannara fuq għajnu l-leminija li tibqa dieħla

sa ġewwa moħħu, ieħor għandu nagħsu tax-xellug mifqugħ. Il-Franġiskani l-maqtula kienu tmienja, imma fit-tebut, irjus erbgħa biss hemm. F'dan il-Qari konna ktibna xi ħaġa fuqhom (is-Sitt Sena, Lulju, 1960)

Tlaqna minn Damasku nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, fis-1, 30 wara nofs inhar. Għaddejna qrib ħafna bliet, fosthom il-wisq m a g ħ r u f a Ġerax (ara xi ktibna fuqha, il-Ħames sena, 1959, Lulju-Settembru, faċċata 68), li rajna l-bieb tagħha, bi tlieta, u s-srâbat tal-kolonni ta' żmien irferħ. Ma kontx qiegħed nara stampa! Kienet il-Bażilka tal-Ġetsemni, tas-sew! Irġajt ġejt Ġerusalem!

Ix-xufier baqa' jsuq mas-sur issur, sa kemm fl-aħħar daħal qalb ħafna bini ġdid, kollu ħwienet kbar, bil-vetrini jlellxu bid-dwal tan-neon, imlewnin. Toroq wesgħin, miksijin bl-asfalt, f'nofshom ħmiemel twal, bix-xitel tal-fjuri u s-siġar żgħar, imdawla b'fanali elettriki, donnu bi nhar, u nies jimxu u jitħaddtu, lebsin pulit. It-*taxi* waqaf quddiem aġenzija ġdida u x-xufier niżel u qala



*Damasku — Il-knisja tal-Franġiskani minn ġewwa. Innaħa tal-lemin, ħada l-bieb ta' barra, jinsab l-artal li fuqu hemm it-tebut tal-kristall bil-għadam tal-Franġiskani maqtula mid-Druzi fis-sena* 1860.

Rumani. Wasalna Għammân fil-5, u fil-5, 30 tlaqna minn hemm lejn Ġerusalem. Domna sejrin sagħtejn, u laħaq dalam. Ħin wieħed, kif konna għaddejin minn qalb id-djar, saqsejt lir-raġel ta' ħdejja dik il-belt x'kien jisimha, u qalli: "l-Għażarija" (jiġifieri: Betgħanja), u hekk għaraft li konna qrib Ġerusalem. Ħarist 'il fuq, u rajt il-kanpnar tar-Russi fuq Ġebel iż-Żejtun. Bqajt inħares 'il barra u ftit wara lmaħt il-Bażilka tal-Ġetsemni. Bdejt nolfoq, u d-dmugħ niżel minn għajnejja bilż-żewġ bagalji, tiegħi u tal-Kummissarju, u qegħdhomlna fl-art, u telaq u mar.

Kien hemm tifel ibiegħ il-gazzetti u saqsiena fejn irridu mmorru, u jien għedtlu Casa Nova. Qal li kien jaf fejn hi Casa Nova, u qabad il-bagalja tal-Kummissarju biex jerfagħha u jwassalna hu. Ġie tifel ieħor, iswed, iżgħar minnu, u rafa' l-bagalja tiegħi, u bdew isallbu qalb in-nies, u aħna nimxu warajhom. Wara ftit mixi rġajna rajna s-swar, u ftit wara deher ukoll wieħed mill-bibien ta' Ġe-

rusalem. Kien Bab il-Għamûd. Dħalna minn dak il-bieb għal ġewwa l-belt, imxejna mat-triq ta' Han iż-Żejt, u wasalna ħada s-VII Stazjon tal-Vija Sagra, u lwejna għat-telgħa, u ġejna quddiem id-Dejr tas-Sorijiet. **Wara ftit wasalna d-Dejr ta' san** Salvatur, u l-Kumissarju ħallas lit-tfal u ħalla l-bagalja tiegħu għand il-bewwieb, u ġie miegħi sa Casa Nova. Jien bqajt hemm, u l-Kumissarju raġa' lejn san Salvatur.

vetta, jurini l-kamra fejn kelli norqod. U kif sibt ruħi waħdi, għalaqt il-bieb, u nżajt, u dħalt fil-friex u rqadt.

Il-għada fil-għodu stembaħt ftit wara l-5. Qomt, inħsilt, ilbist u ħriġt; u mort nisma' l-quddies fil-Qabar ta' Kristu, bħal ma kont nagħmel fl-antik. Domt hemm isfel sa xi s-7, imbagħad tlajt Casa Nova, ħadt kikkra kafè iswed, u ħriġt barra ndur.



*Damsaku — It-triq id-Dritta, msemmija fl-Atti tal-Appostli. Hi dritta ta' bil-ħaqq, u minn dak iż-żmien sal-lum għadha għandha dak l-isem.*

Il-Patri Direttur ta' Casa Nova qalli nidħol id-Dining Room, u dħalt, għal kemm ma kontx qiegħed inħoss ġugħ, daqs kemm kont għajjien. Ġebuli l-ikel, u jien naqqart xi ħaġa u xrobt nitfa żgħira nbit u qomt u ħriġt lejn id-desk. Għajjatli tad-desk, u tani formla u qalli nimlieha. Imbagħad bagħat żagħżugħ biċ-ċa-

Kif inhi Ġerusalem issa? Tbiddlet xej ma' tul dawn it-30 sena? Mis-swar 'il barra tbiddlet, għax kemm il-naħa kien raba u issa sar belt, moderna, bħal bliet moderni l-oħrajn. Mis-swar 'il ġewwa tbiddlet u ma tbiddletx. It-toroq għadhom dojoq u tliegħi u nżieli, bħal ma kienu, imma fejn l-art kienet bil-mazkân

jiżloq, issa mballta bil-*c o n c r e t e*. Fejn il-ħitan kienu suwed bil-ħmieġ, kollha xquq u għabra mwaħħla magħhom, il-lum imkaħħlin u mbajdin. Il-ħwienet m'għadhomx bil-b i b i e n



*Betanja, qrib Ġerusalem — Dehra tar-raħal u l-knisja l-ġdida ta' san Lazzru.*

rewwieħa u bla miżbugħa; imma bil-vetrini u l-ħġieġ tagħhom nadif. Ma għadx hemm frak tal-ħaxix u qxur ta' kull xorta fl-art, fit-triq, bħal ma kien dari. Issa l-kenniesa, tnejn-tnejn, bl-uniformi qishom Pulizija, b'tank bir-roti ma' ġenbhom, jikinsu n-nhar kollu, jaslu sat-tarf tat-triq u jerġgħu jibdew mill-ġdid. Ma għadhomx jidhru x-xkejjer maħmuġa, minxura fil-għoli, minn ħajt għal ħajt, biex jagħmlu d-dell. Min irid id-dell fuq bieb ħanutu, issa, għandu purtiera sabiħa, titla' u tinżel, idaqqasha x'ħin u kif irid hu. Kollox għall-aħjar. M'hux ftit, imma ħafna għall aħjar. Imma hemm ħaġa, aktarx ta' dwejjaq, li ma kenitx hemm qabel: il-karozzi Amerikani, kbar u wesgħin, li jgħaddu minn xi toroq ta' ġewwa l-belt. It-toroq minnhom dojoq; u kull waqt, kif tkun miexi, tisma' ħorn idoqq warajk, u biex tgħaddi l-karozza, jkollok titla' fuq xi għatba, jew titkaħħal dahrek mal-ħajt.

U domna ġewwa Ġerusalem tmintaxer jum. U rajna l-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, minn Ħadd il-Palm sa nhar il-Għid. Żorna l-Imkejjen Imqaddsa kollha; Betgħanja u Betfaġe; il-Ġetsemni u l-Pretorju, u għamilna l-Vija Sagra fit-toroq tal-belt. Il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu konna nżuruhom kull jum u l-wegħda li kelli lid-Duluri, temmejtha. Erba' darbiet mort Betlehem, u darba Betġagħla u darba Betsaħûr. Qagħadna nhar Ġerko u nhar ieħor



*Dehra ta' Betlehem. Il-Għar tat-Twelid jaħbat bejn iż-żewġ kanpnari wieħed fin-nofs tar-ritratt, u l-ieħor fix-xellug.*

Emmaws. U darbtejn tlajt dawra, waħdi, fuq Ġebel iż-Żebbuġ. Għax, m'hux għal hekk dak li jkun jaqla qliegħu u jħallas flusu? Aqwa mill-Imkejjen Imqaddsa x'fiha Ġerusalem?

na l-knisja tal-Benedittini, fejn kienet id-dar ta' fejn mietet il-Madonna u ċ-Ċenaklu, u taħtu d-Dejr tal-Franġiskani l-antik. U żorna wkoll id-Dejr żgħir u l-knisja ċkejkna li l-Franġiskani bnew ftit ilu ħada



*Betlehem — Il-Bażilka ta' santa Liena mibnija fuq il-Għar fejn twieled Ġesù.*

ċ-Ċenaklu sew. Morna għand is-Sorijiet ta' san Karlu u kilna għandhom f'nofs inhar. Wara krejna *taxi* u morna Għajn Kârem, żorna ż-żewġ knejjes li hemm, tat-Twelid ta 'san Ġwann, u ta' santa Liżabetta, u

Fil-15 t'April, fil-għodu, għaddejna minn Bieb Mandelbaum, għannaħa ta' Israel.

F'Israel, morna l-ewwel il-Kulleġġ tat-Terra Santa. Ħalliejna l-bagalji hemm, u morna nżuru l-Sijon; żor-



*Emmaws — Dehra tad-Dejr tal-Franġiskani, tal-knisja u fix-xellug l-iskola tal-Postulanti.*

rġajna lejn Ġerusalem. Ħadna l-bagalji u tlaqna lejn Ramle, fejn wasalna kien għadu ftit il-ħin. Il-Kurât ta' hemm, Patri Ġużepp Cremona, Malti, ħadna naraw il-belt il-qadima, u rajna wkoll il-borġ ta' Ramle, sabiħ, għoli mrabba' mibni mill-Għarab fis-sena 1318.

Il-għada morna Tel-Aviv infittxu aġenzija ħalli naħsbu għal irġugħna lejn Malta. Sibna l-aġenzija u fteħemna li mmorru sa Ruma, u minn u qagħadna nħarsu ftit lejn il-Bażilka li qegħda tinbena fuqha, imbagħad morna għand is-S o r i j i e t Franġiskani, fejn hemm tlieta minnhom Maltin; imbagħad żorna lis-Sorijiet Klarissi, għax magħhom hemm tnejn Maltin. Il-Kumissarju lil dawna jafhom u jaf lil nieshom hawn Malta, li bagħtulhom tislijiet.

Il-għada, fit-18, morna dorna dawra kbira bit-*taxi* u żorna għadd ta' mkejjen egħżież. Konna sitta: il-



*Ġerusalem in-naħa ta' Israel — Il-Kulleġġ tat-Terra Santa, li issa hu bla studenti. Fih żewġt irħieb, Patri u Lajk, u żewġ Sorijiet biss. Il-bqija mikri għand il-Lhud. Kien mibni fl-*1930 *mix-Xirka tal-Kardinal Ferrari, li wara falliet u xtrawh il-Franġiskani.*

Ruma Malta, bl-ajruplan. Imbagħad morna Ġaffa. Hemm żorna d-Dar ta' Xmun in-nagħal, fejn kien qiegħed san Pietru, meta ra d-dehra tal-Liżar (Atti X, 9-16). U wara morna d-Dejr tal-Franġiskani ta' Ġaffa, kilna magħhom u imbagħad tlaqna lejn Ramle mill-ġdid.

Il-għada (17 t'April) morna Hajfa, u minn hemm tlaqna lejn Nazaret. Wasalna hemm kienu s-2, u morna nżuru l-Grotta tal-Lunzjata, Patri Kumissarju ta' Malta; żewġ Patrijiet Taljani; Patri ieħor Kanadiż; Fra Sidor (il-*factotum* ta' Nazaret), u jien.

Żorna l-ewwel il-ħerba tal-knisja ta' sant' Anna, ta' żmien is-Salibijin, fejn kien raħal jismu Saffurja, imma l-lum m'hemm xej ħlief ħaxix. Minn hemm morna Kana u żorna l-knisja tat-Tieġ, u l-Kumissarju u jien morna nkellmu lil waħda soru Maltija minn Tas-Sliema li hi hemm. Wara

Kana bqajna sejrin lejn Tabarija, u għaddejna minn ħdejn il-Wetgħa ta' Hat-Tîn, fejn Sâleħ id-Din kisser tajfiet l-Insara, f'Lulju, tas-sena 1187. Wasalna Tabarija, imma ma waqafniex fiha. Għaddejna minn ħdejn Meġdel (jew Màgdala) u bqajna sejrin. Meta wasalna fil-wetgħa li jgħidulha t-Tabga, inżilna nżuru l-knisja tar-Rħieb Benedittini, mibnija fuq l-imkien sew fejn Kristu qal lil san Pietru tliet darbiet: "Irgħa nagħġieti!" (Ev. ta' san Ġwann, XXI). Minn hemm soqna lejn is-Sinagoga ta' Kafar Nahum, u żorna lilha u l-ħerba tal-kappella mibnija fil-qedem fejn kienet id-dar ta' san Pietru, ma ġenbha sew. Hemm-ġew kantajna t-*Tantum Ergo*, ma' ġemgħa żawwarin Franċiżi, li kien ġiebhom wieħed Patri li qabel kien Lhudi, imbagħad qaleb Nisrani



*Galilija, — Dehra ta' qasma min-Nazaret. Jidher id-Dejr il-ġdid tal-Franġiskani, u l-kanpnar u l-knisja ta' san Ġużepp. Il-knisja li tidher fil-lemin, ma għadhiex hemm; inħattet, u flokha qegħda tinbena l-Bażilka.*

kattar il-ħobż. Taħt l-artal għadha hemm il-blata ċatta fejn qagħad bil-qegħda. U hemm mużajk qadim ma' dwarha, li juri qoffa bil-ħobż u żewġ ħutiet. Minn hemm morna nżuru kappella ġdida (mibnija fuq sisien ta' oħra antika) tal-Franġiskani, fejn Kristu qagħad jekol mal-Appostli wara li qam mill-imwiet, u sar qassis. Minn hemm, imbagħad, tlajna nżuru l-kappella tal-Bejatitudni, fuq għolja, qrib Kâfar-Nahum. Hemm ktibna isimna fir-reġistru, ġewwa d-Dejr tas-Sorijiet, u xrobna flixkun luminata kiesħa, u min ried, flixkun birra, u tlaqna lejn Tabarija mill-ġdid. Għaddejna Tabarija, qbadna triq kollha siġar kbar u

sfiqa, donnha l-Buskett, u lħaqna t-telgħa tat-Tabor. Tlajna magħha, għaddejna minn raħal jismu Dabbûrja, u wara ħafna tagħwiġ u liwi, wasalna fuq ras il-ġebel, x'ħin kien ftit fuq nofs inhar. Dħalna minn Bab il-Hawwa, soqna 'l ġewwa, u waqqafna quddiem il-Bażilka sew. Inżilna mit-*taxi* u dħalna d-Dejr.



*Nazaret — Il-knisja tal-Blata; fuq: minn barra; isfel: minn ġewwa.*

Għaddejna minn ġewwa bħal *tunnel*, taħt l-art, u sibna ruħna fil-Bażilka. Dil-mawra hemm fuq, għalija kienet it-tielet waħda. għax mort darbtejn qabel, fis-sena 1924. L-ewwel darba morna hemm xalata, meta l-Bażilka ma kenitx għadha lesta (niftakar li rajt l-iskultur Taljan, qiegħed inaqqax il-ljuni, bi lsienhom barra, li hemm taħt l-artal il-kbir). It-tieni darba mort hemm fil-festa tal-Konsagrazzjoni, meta kien ġie l-Kardinal. U t-tielet, din. Dorna l-Bażilka, rajna kull m'hemm x'tara, sellejna ftit u ħriġna, u rġajna għad-Dejr. Rajt lis-superjur tat-Tabor, Patri Gawdenzju Governanti, li għarafni mill-ewwel. Il-lum hu Patri, oħxon u twil, imma jien nafu tifel ta' xi għaxar snin, kien jismu Peppino, l-iskola ta' Emmaws. Kilna għand ir-Rħieb, fuq it-Tabor. Ġebulna brodu tat-tiġieġ; biċċa tiġieġa kull wieħed, bil-patata maxx u l-piżelli; insalata (ħass u tadam); larinġa u banana, flixkun birra, u fl-aħħar kafè. Wara li kilna qagħadna nitħaddtu ftit, ħriġna nduru fuq il-muntanja, u fit-3,30, tlaqna lejn Nazaret.

Il-għada fil-għodu smajt il-quddies fil-Grotta tal-Lunzjata, u wara qgħadt ftit fuq siġġu, waħdi, wara l-artal. Kif ħadd ma kien qiegħed jara, qlajt żrara, xi daqs lewża, mill-ħajt tal-blat ta' ġewwa l-Grotta (u hi biss kienet tiċċaqlaq!), u tfajtha fil-but, biex neħodha tifkira, d-dar. F'xi t-8 rajt il-Kumissarju li qalli mmur miegħu nfittxu lil dak il-Patri Grieg-Kattolku, Malti, li kien jgħallem is-Seminarju hemm, Nazaret. Is-Seminarju kien fil-bgħid, u domna ħafna sejrin, insaqsu lin-nies, għax ma konniex nafu fejn. Fl-aħħar sibnieh u dħalna, imma qalulna li kien mar Ġerusalem, u kellu jarġa, jiġi dik il-lejla jew il-għada. Il-Kumissarju ħallielu risposta biex imur jarah Nazaret, għax kellu tislija minn Malta, għalih. Tlaqna u wasalna Nazaret u billi ma kellniex x'nagħmlu qagħdna bil-qegħda fuq ċint, ħada d-Dejr. Ġew x'erbat-itfal tal-iskola u qagħdu ħdejna (ma kellhomx skola, għax kienu l-btajjel tal-

Għid) u bdew isaqsuna fuq Malta. Saqsewni jekk Malta hemmx tadam, għidtilhom *iwa*. Jekk hemmx qara bagħli, għedtilhom *Iwa* w k o l l. Hemmx banana, għedtilhom *Hemm ftit*. Saqsewni hemmx tamar, għedtilhom li *Hemm siġar tat-tamar, imma l-frott ma jsajjruħx, għax Malta ma hemmx sħana biż-żejjed*. Jekk Malta hemmx baħar. Għedtilhom *Hemm baħar kull imkien. Tmur fejn tmur, jekk tibqa' sejjer għandek* u l-*knisja*. Saqsewni għaliex, għedtilhom *Għax Malta fis-sajf, jiġi l-ħut kbir. U darba, m'ilux wisq, ħuta kbira ħatfet raġel Ingliż li kien qiegħed jgħum, u kelitu*. U mbagħad iddejjaqt inwieġeb, u għedt lil Kumissarju li kont dieħel ġewwa, ħalli niekteb ftit.

Wara nofs inhar, għal xi l-4, il-Kumissarju u jien morna nżuru l-knisja tal-Maroniti. Għaddejna mis-suq, sibna l-knisja, ħarisna ftit lejha u



*Galilija — It-Tabga, fejn Ġesù għallem u ħadem l-aktar, bħala Messija. Fil-lemin, fil-bgħid Tabarija; Lemin ukoll, fejn jidhru s-siġar, il-Meġdel; fix-xellug, tidher ftit il-knisja tal- Benedittini Ġermaniżi, fejn Ġesù kattar il-ħobż.*

*issib il-baħar*. Jekk in-nies ta' Malta jafux jgħumu. Għedtilhom li *Qisu kull ħadd jaf jgħum, saħansitra tfal żgħar ta' seba' snin. Wieħed raġel Malti għam erbgħin mil. Telaq jgħum minn Sqallija u ried jasal bil-għum Malta, imma t-tobba ma ħallewhx jibqa' sejjer sal-aħħar nett. Refgħuh mill-ilma, jrid u ma jridx*. Saqsewni jekk jien ngħumx daqsu, għedtilhom *Le; jien ngħum biss xi minn hawn* tlaqna, għax ma fihiex x'tara. Għedtlu mmorru naraw il-knisja tal-Blata, u qal li kienet is-sħana, u ma riedx. Irġajna lejn id-Dejr u morna ħadna kikkra te. Imbagħad għaddejna mis-Sagristija u morna l-knisja ta' san Ġużepp. Ġew żewġ sinjurini Irlandiżi u qagħdu jkellmu lil Kumissarju. Qalulu li kienu *teachers* u ġew mill-Kenja, biex iżuru l-Art Imqaddsa. Qalli mmur nagħmilha ta' gwida

tagħhom jien. Mort, dawwarthom il-kripta ta' taħt il-knisja u l-Għar ta' taħtha, imbagħad ħadthom jaraw il-Grotta tal-Lunzjata u l-mużajk tat-Tielet seklu li hemm ħdejha, u fis-sirtilhom kull ma kont naf. Dehru henjin, u żżewni ħajr u telqu. Wara ftit bdiet tqattar ix-xita, u dik il-lejla ma morna mkien.

bieb tal-bitħa tal-knisja tal-Blata miftuħ, saqsejt lil Kumissarju riedx jaraha (għax kien qalli li ma raha qatt) u qalli iwa. Dħalna, u rajt raġel xiħ Għarbi li joqgħod f'kamra hemm ġew, u tlabtu jġib il-muftieħ u jiftaħ il-knisja. Fetaħha, u l-Kumissarju daħal iħares ġewwa u jien bqajt ħada l-bieb, barra. Raha u



*Galilija — Il-ħerba tas-Sinagoga ta' Kafar-nahum.*

Il-għada fil-għodu l-Kumissarju qalli mmur miegħu għand is-Sorijiet Karmelitani, hemm Nazaret, għax ried jara soru Maltija, li jaf lil niesha (kien dejjem iridni miegħu biex insaqsilu jien, għax hu bil-Għarbi ma jinqalax). Id-Dejr tagħhom jinsab fuq għolja mill-għoljiet li hemm ma' dwar il-belt. Morna, u għaddejna mis-suq. Kien hemm il-knisja tal-Griegi-Kattolki miftuħa, u dħalna nżuruha. Kien hemm qassis iqaddes fuq artal żgħir, raġel xiħ jisma' l-quddiesa, u raġel żagħżugħ, bla ġlekk, ikanta bil-Għarbi. Daqqa jkanta r-raġel u daqqa jkanta l-qassis. Qagħadna ftit hemm u ħriġna. Bqajna sejrin, u qbadna t-telgħa. Rajt il-ħareġ, u żżejna ħajr lill-Għarbi u bqajna sejrin. Domna ħafna sejrin, dejjem għat-telgħa, u fl-aħħar id-Dejr sibnieh. Ċempilna l-qanpiena u fetħitilna soru Lajka. Qaltilna nistennew ftit ġewwa divan, imbagħad ġiet u tellagħtna fuq. Qagħdna bil-qegħda quddiem tieqa bil-grada tal-ħadid, u ftit wara ġiet is-soru, wiċċha mgħotti b'velu iswed, bħan-nisa Misilmîn. Qagħdet titħaddet mal-Kumissarju u fl-aħħar qalli nwarrab ftit biex is-soru tikxef wiċċha. Jien warrabt, u baqgħu jitħaddtu ftit ieħor, u s-soru telqet u hu ġie. Morna lejn id-Dejr u għedt lil Patri li jien kont sejjer insarraf ftit flus, għax ma baqagħlix. Mort sarraft f'Barc-

lay's Bank, u damu ħafna biex sarrfuli, jiflu l-firma u l-passaport. Imbagħad bqajt sejjer indur waħdi ġewwa Nazaret. Meta rġajt, kien qorob nofs inhar.

Wara nofs inhar, il-Kumissarju qalli li kien sejjer għand is-Sorijiet Franġiskani. Billi dawk joqogħdu ħada d-Dejr, lili ma kienx jeħtieġni, għal hekk għedtlu li jien kont sejjer noqgħod ftit fil-Grotta tal-Lunzjata, għax ftit ieħor nitilqu lejn Malta, u nixtieq naraha u ma nistax. Hu mar għand is-Sorijiet u jien inżilt il-Grotta u domt hemm xi siegħa u nofs. Wara ħriġt u qagħadt nitħaddet ma' Patri Taljan. Imbagħad mort għand is-Sorijiet u sibt lil Kumissarju hemm u ħriġna flimkien. Kien il-frisk wisq barra, u dħalna d-Dejr u qagħdna fid-divan. Ġie dak il-Patri Taljan, u qagħad jitħaddet magħna fuq il-



*Galilija — Il-knisja tal-Bejatitudni, fuq ir-riħ ta' Kafar-Nahum.*

*kibbuzim* tal-Lhud. Domna nitħaddtu sa kemm daqqet il-qanpiena għal kor.

Il-għada kien il-Ħadd, 21 taxxahar. L-ewwel smajt il-quddies il-Grotta mbagħad ridt immur nisma l-Quddiesa Parrokkjali wkoll. Qaddisha l-kurat, Patri Anġlu Ahmarani, li meta kien żgħir kien fil-klassi tiegħi, u kont nagħllmu l-Ingliż u s-somom jien, fl-iskola tà Gerusalem. Meta dħalt il-knisja kien għadu kemm qara l-Evanġelju u kien qiegħed ifisser xi ħaġa fuqu. Wara l-quddiesa s-sagristan ġieb żewġ siġġijiet kbar tal-bellus, u żewġ ġenuflessorji, quddiemhom, u żewġ qsari bil-palm, li qegħdhom fuq il-balavostri tal-artal. Intbaħt li kien hemm tieġ, u qagħadt il-knisja, nara l-għarajjes deħlin. Daħlu. Il-għarusa liebsa bħal għarajjes tal-Ewropa, kollox tal-ħarir abjad, u bil-velu, u l-*bride's maids*, u bukkett fjuri bojod f'idha. Wiċċha ma jitpinġiex. Il-għarus hekk-hekk. Resqu quddiem l-artal, u Patri Anġlu beda jaqra. Dam ħafna jaqra, u jien iddiejjaqt u ħriġt 'il barra. Mort nara nsibx il-knisja tat-"Tremore", tal-Franġiskani, li tinsab ġewwa ġnien. Mort, dħalt is-sqaq, sibt il-bieb tal-ġnien, imma ma rajtx fuqu s-Salib tat-Terra Santa, anqas iż-żewġ idejn tal-Franġiskani. Ma dħaltx ġewwa, għax ħsibtni ħadt żball. Irġajt lura lejn id-Dejr.

Wara ltqajt ma' Patri Anġlu u qalli li dik l-għodwa kellu tliet tiġijiet u għal wara nofs inhar kellu sebgħa magħmudijiet. Tkellimna ftit fuq iż-żmien l-antik, u fuq ħutu u mbagħad ġie l-Kumissarju u hu mar.

Wara nofs inhar, il-Kumissarju u jien morna għand is-Sorijiet Ġużeppini, fejn hemm soru Maltija, u hu jaf lil niesha wkoll. Imbagħad ġew hemm is-sorijiet Franġiskani, u ġiebu magħhom il-kaxxa tar-ritratti, u ħriġna barra, u ħadniehom ir-ritratt. Wara ftit ġie wkoll il-qassis Grieg-Kattolku l-Malti, dak li ma konniex sibnieh meta morna s-Seminarju tagħ-

hom infittxuh. Domna xi siegħa nit-ħaddtu flimkien.

Il-għada, t-Tnejn, 22 t'April, fid-9,15 ta' fil-għodu, tlaqna lejn Tel-Aviv, biex minn hemm immorru Ramle, naħsbu għat-telqa tagħna lejn Malta, bl-ajruplan. Wara ħafna sewqan, l-ewwel għan-niżla, f'toroq imgħawġa, imbagħad fil-w e t g ħ a , f'toroq dritti, wasalna Tel-Aviv, ftit wara l-11. Bil-mistoqsija sibna l-*buses* ta' Ramle, u rkibna u tlaqna, u konna hemmekk ftit wara li daqq nofs inhar. Wieħed tat-*taxi*, f'Nazaret, biex iwassalna Ramle talabna ħames liri Ingliżi; u aħna wasalna Ramle, xorta waħda, bi tmintaxer xelin!

Wara nofs inhar ħriġna nduru dawra barra, imbagħad q a t t a j n a l-bqija taż-żmien nitħaddtu ma' Fra Valerju (wieħed Lajk Taljan, nafu x'erbgħin sena ilu) quddiem il-knisja fil-bitħa tad-Dejr.

Fis-16 tax-xahar kienet mietet mara Latina f'Ramle, għal hekk fit-23 saritilha quddiesa kbira fil-knisja, għeluq it-tmient ijiem mill-mewt. Kemm domt Ramle, qatt ma rajt nies il-knisja għal quddiesa, imma dik inhar kienet qisha mimlija, sal-bieb. Qaddes il-Kurat, Patri Cremona, u kantaw il-bniet tas-sorijiet u s-surmast tas-subjien. Wara l-quddiesa, il-Kummissarju u jien morna dawra twila mas-suq, u domna barra sal-11, 30. Wara nofs inhar qagħadna ma' dwar id-Dejr, fil-bitħa jew fil-ġnien. Imbagħad ħriġna dorna dawra oħra tal-aħħar, u domna barra sas 6,30.

Il-għada, fl-24 tax-xahar, kien l-aħħar sbieħ tagħna fl-Art Imqaddsa, għax dik il-għodwa, fil-10, 20 kellna nitilqu minn hemm bl-ajruplan. Wara l-quddies ħadna kikkra kafè u niżżilna l-bagalji fid-divan. Il-Patri President ma kienx hemm, għax kien mar Nazaret, għad-difna ta' Patri Laganà, is-superjur ta' Kafar-Nahum, li kien miet għall-għarrieda fit-23. Patri Cremona ġebilna *taxi*, u fit-8,15 tlaqna lejn l-ajrudrom. Patri Cremona ġie magħna, u wassalna u telaq, imma aħna domna nistennew ħafna hemmekk. Imbagħad rawlna l-passaporti u ħarġuna nistennew naħa oħra, taħt tinda. F'xi l-10 rkibna l-ajruplan "Olympic", tal-ġett, u fl-10, 20 tar. Tala' fil-għoli għall-aħħar, hekk li meta konna nħarsu



*Galilija — Il-Bażilka tat-Tabor minn barra.*

'l isfel, anqas il-baħar ma kien jidher. Kien jidher kollox blù, u 'l isfel ħafna, s-sħab. Wasalna Ateni qabel nofs inhar. Waqafna hemm għal ftit, u f'xi n-nofs siegħa tlaqna lejn Ruma.

la lejn il-Mużew tal-Vatikan. Wara nofs inhar ma morna mkien, għax qabdet nieżla x-xita u damet nieżla sa fil-għaxija. Il-għada żorna Scala Santa, u santa Maria Maggiore, u bqajna sejrin lejn l-ajrudrom. F'xi



*Galilija — Il-Bażilka tat-Tabor, minn ġewwa.*

Wasalna Ruma għal xi l-4, u ħallejna l-bagalji d-depostu, u rkibna l-bus u tlaqna lejn il-belt. Il-għada fil-għodu dorna dawra mal-knejjes: san Ġwann Lateran u san Pietru, u morna wkoll ħarisna ħarsa bil-għaġ-

s-2, 30 tirna, ma' ajruplan BEA lejn Malta, u f'xi l-4 wasalna Ħal-Luqa bis-sliem. Għal xi l-5, wara ħarġa ta' sitt ġimgħat sewwa, ftaħt il-bieb u dħalt id-dar. U hekk temmet il-ġrajja taż-*Żjara 'l Ġerusalem.*

HANNA L-MALTI.

# HREJJEF TAL-PATRIJIET

Meta kont Ġerusalem jien, u kont ngħallem xi ħaġa fl-Orfanatrofju tal-Franġiskani, fid-Dejr ta' san Salvatur, kont dieħel u ħiereġ, qisu d-dar tiegħi. Dana, għax l-Orfanatrofju jinsab ġewwa d-Dejr. U tarġa, f'Ġerusalem il-qadima, dak iż-żmien ma kienx hemm fejn tmur tgħaddi naqra ż-żmien fil-għaxija; u la *Talkies*, u la każini, u la Swali Parrokkjali; xej. Għal hekk jien, meta jkun il-waqt, kont immur lejn id-Dejr, nidħol mill-bieb iż-żgħir, nitla fuq, u, jew immur l-Orfanatrofju ngħaddi ż-żmien mad-Direttur u l-Ajkijiet sorveljanti, nismagħhom jitħaddtu fuq żmien il-gwerra jew fuq pajjiżhom; inkella noqgħod bil-qegħda mal-Ajkijiet, nismagħhom jitħaddtu wkoll; jew, kemm il-darba, jgħidu l-ħrejjef.

Għax fid-Dejr ta' san Salvatur hemm divan kbir, sala twila u wiesgħa, bis-sufanijiet mal-ħitan kollha,

u fil-faċċata siġġu tad-dirgħajn; fuq is-sufanijiet joqogħdu l-Patrijiet u fuq is-siġġu l-kbir joqgħod il-Kustodju — fejn ir-Rħieb imorru jgħaddu dik in-nofs siegħa, jitħaddtu, wara l-ikel, sakemm Fra Korradu jdoqq il-qanpiena għas-skiet. Jekk iridu, r-Rħieb kollha jmorru hemm; imma l-Ajkijiet, minn rajhom, ma kienux imorru. Ħdejn il-Biblijoteka tad-Dejr kien hemm sitt tarġiet wesgħin, u l-Ajkijiet, kienu jħobbu joqogħdu bil-qegħda fuqhom jitħaddtu. Jien, billi, kif għedt qabel, kont diehel u ħiereġ id-Dejr, kont noqgħod bil-qegħda magħhom, l-aktar meta jkun hemm Fra Riżżerju, wieħed Ajk Venezjan. Dan kien jgħid il-ħrejjef tiegħu bil-wieqfa, u jagħmel il-mutetti b'idejh, hekk tajjeb, li ma tibxa' tarah u tisimgħu qatt! Hawn sa ngħid xi tnejn minn dawk il-ħrejjef li għadni niftakar, ħalli ngħaddu naqra ż-żmien aħna wkoll, u inżidu dawn il-ħrejjef malħrejjef tagħna.

1. *Il-Priedka tal-Ajk.*

Fl-Italja hemm ħafna rħula żgħar, qishom il-Fawwara jew il-Baħrija ta' Malta, li jkun fihom naqra ta' knisja u qassis wieħed, li jrid jagħmel kollox waħdu: iqaddes, jippriedka, jqarar, jgħallem it-tfal, u kull ma jeħtieġ. Mela, kien hemm raħal minn dawn ir-rħula, u l-qassis, fil-festa tal-qaddis ta' dik il-knisja, kiteb lil wieħed Patri Franġiskan biex jiġi wara nofs inhar jagħmillu l-priedka hu; u dak wieġbu li kellu jiġi. Imma nhar il-festa, il-ħin sar, u l-qassis beda l-funzjoni, u l-Patri tal-priedka ma deherx. Is-sagristan beda tiela' u nieżel fuq il-kanpnar, iħares lejn it-triq, ha' jara kienx ġej xi Raħeb, imma kollu għal xej. Beda jnaqqar għal priedka, u min jagħmel il-priedka ma hemmx. Fl-aħħar tala' l-qassis fuq il-kanpnar, u fil-bgħid jilmaħ ġej wieħed Raħeb. Niżel jiġri t-taraġ, laqa' r-Raħeb fil-bieb, daħħlu l-kċina, ferragħlu belgħa kafè, u qallu: "Isa! Għax in-nies xebgħu jistennew! Kif domt ma ġejt daqs hekk? Ixrob dik il-kikkra kafè ħalli titla' tippriedka!

"X'inhu?" qallu dak: "Jien nitla' nippriedka?"

"Mela!" wieġeb il-qassis. "Int m'hux biex tippriedka ġejt?"

"Xi priedka, priedka!" raġa' r-Raħeb. "Jien ma naf b'xejn. Jiena Ajk. Ġejt hawn biex niġbor xi ħaġa!"

"Ara," raġa' l-qassis, "Ajk jew m'hux Ajk, int issa trid titla' tippriedka. Ixrob dak il-kafè u ilbes dik l-ispellizza u ejja miegħi l-knisja. Jekk ma tippredkax, in-nies jagħmlu għalija, għax ili nwegħdhom li l-priedka għandu jagħmilhielhom wieħed Patri qaddis, xahrejn!"

L-Ajk miskin kellu joqgħod. Xorob il-kafè; libes l-ispellizza, u tala' fuq il-pulptu. Qagħad ftit bil-qegħda; raġa' qam bil-wieqfa, u radd is-salib.

Imbagħad ħares ħarsa serja fuq in-nies ta' ġewwa l-knisja, u b'leħen sod qalilhom dawn il-kelmiet: "L-aħwa. . . intom ġejtu hawnekk biex tisimgħu l-kelma t'Alla. . . imma jien ngħidilkom minn issa, li min minnkom m'hux fil-grazzja t'Alla, u ma jistħoqqlux jisma' l-kelma t'Alla, m'hux sa jisma' l-kelma t'Alla."

U fetaħ ħalqu, u għamel ta' birruħu li qiegħed jippriedka, u beda jxejjer idejh u jdur fuq il-pulptu, imma ma qal ebda kelma. Wara li kien ilu sejjer hekk ftit, wieħed raġel

saqsa lil ta' ma' ġenbu: "Qiegħed tisma' xi ħaġa?" "Le, xej!" wieġbu dak. Imbagħad saqsa lill-ieħor: "Int qiegħed tisma?" U dak wieġbu: "Le, anqas jien!" U n-nies bdew kollha jsaqsu lil xulxin minn taħt il-lsien, u kull ħadd iwieġeb li ma kienx jisma'. Għal hekk in-nies twerwru u sfaru lellux bil-biża'. Dak il-ħin waħda mara xiħa, li ma kenitx minn hemm, imma kienet ġiet minn raħal ieħor għand bintha, għal festa, u li kienet truxa, qalet: "Xi ġmiel ta' priedka! Kemm jaf xi jgħid dal-Patri! Qatt ma smajt priedka sabiħa bħal din f'ħajti!" U n-nies meta qalet hekk, aktar beżgħu; "X'waħda din!" bdew jgħidu, "minna l-koll dil-mara xiħa biss tinsab fil-grazzja t'Alla!"

U dak l-Ajk meta deherlu niżel. U n-nies kollha marru jqerru; u l-qrar baqa' sejjer sal-għaxra ta' billejl, ara kemm ġid għamlet dik il-priedka ta' bla kliem!

2. *It-Tliet Ċoqoq ta' San Franġisk.*

Darba waħda, ilu ħafna snin, il-Papa ordna lil wieħed pittur minn dawk it-tajbin, biex ipinġilu kwadru ta' san Franġisk, ħalli jdendlu fis-sala tiegħu, għax lejn dan il-qaddis kellu qima kbira. Ir-Rħieb Franġiskani kollha semgħu b'dan, sewwa Ta' Ġieżu" (dawk li għandhom il-barnuż bi tnejn, imdendel wara daharhom) kemm il-K a p u ċ ċ i n i (dawk li jkollhom il-leħja, u l-barnuż tagħhom tawwali u żgħir), u kemm ukoll dawk li hawn Malta ngħidulhom ta' Putirjal (dawk li jilbsu l-iswed, u jxiddu ż-żarbun u l-kappell bħal tal-qassisin). Billi dan ix-xogħol kien qiegħed isir Ruma, il-Patri Ġeneral "Ta' Ġieżu" bagħat lil wieħed ħabib tiegħu għand dak il-pittur u qallu jgħidlu: "Il-Patri Ġeneral "Ta Ġieżu" bagħtlek dawn l-għaxar liri u qallek biex tpinġi lil san Franġisk liebes iċ-ċoqqa bħal "Ta' Ġieżu", bil-barnuż bi tnejn. Qallek tinsiex; hu jarġa' jagħtik xi ħaġa oħra wkoll, jekk ix-xogħol ikun tajjeb, u kif xtaq hu!" U donnhom, il-Patrijiet Ġenerali, kienu ftiehmu, għax sewwa l-Ġeneral tal-Kapuċċini, u sewwa ta' dawk li ngħidulhom ta' Putirjal, qalulu hekk ukoll! Bagħtu l-flus lil dak il-pittur biex jagħmel lil san Franġisk liebes iċ-ċoqqa bħal tagħhom. U l-pittur ħadem b'rasu; ħa' l-flus li bagħtulu t-tlieta, wegħedhom li jisma' minnhom, u l-bqija ma tkellem xej.

X'għamel il-pittur? Pinġa lil san Franġisk rieqed, ġewwa friexu, fuq is-sodda; u ħdejn soddtu, tliet witet (bħal *spallieri*) mwaħħlin fil-ħajt, u fuq kull waħda mdendla ċoqqa. Waħda bħal "Ta' Ġieżu", waħda bħal tal-Kapuċċini, u waħda oħra bħal dik li jilbsu l-Patrijiet Franġiskani ta' Putirjal.

Il-Ġenerali t-tlieta marru jaraw il-pittura, meta kienet lesta. U meta rawha qabdu jlumu 'l pittur. Qalulu: "Għaliex il-flus ħadthom, u dak li għidnielek ma għamiltux?" Weġibhom il-pittur: "Jien għamilt kif għedtuli. Iċ-ċoqoq hemm huma, mdendlin mal-witet. San Franġisk rieqed fis-sodda. Oqogħdu stennew sa kemm iqum. Meta jqum, jilbes liema ċoqqa jrid!

**ELSIE.**

(*Baqa' għal darb'oħra*).

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

*Il-Minaret.* F'nofs il-Monasteru, tara minaret iserdek fil-għoli; malli tarah, tiġik kurżità li tkun taf għaliex jinsab hemm. Il-Patrijiet huma Nsara, Griegi Ortodossi, m'hux Misilmin Il-Patri qalilna l-ġrajja f'erba' kelmiet. Żmien ilu, Ġeneral Tork ried jaħbat għal Monasteru. Il-Patrijiet beżgħu għall-aħħar, u bagħtu lil x'uħud minnhom jitolbuh jaħfirhielhom. Il-Ġeneral bagħat għaliehom u qalilhom, li: li kien għalih, malajr jirranġa magħhom, iżda n-nies li kellu miegħu ma kienux jaħmlu lill-Insara, u huwa ma jista' jagħmel xejn magħhom. Qalilhom: "Morru l-Kunvent malajr-malajr, u araw kif tagħmlu u ibnu Moskija f'nofsu, jekk jista' jkun, mal-ħitan tal-knisja stess. Malli naslu, għidulhom li hemm kien daħal il-Profeta (jiġifieri Muħammed) biex iżur il-Monasteru, għal hekk dik l-art hija mqaddsa minnu." Il-Patrijiet marru j i ġ r u l-Kunvent u kemm ilna ngħidu bnew Moskija; u hekk, malli s-suldati Torok waslu, u raw quddiemhom il-minaret tal-Moskija fin-nofs, dawwru wiċċhom u telqu minn fejn ġew.

*Il-Librerija.* Il-knisja hija l-ġawhra tal-Monasteru; iżda l-ġawhra ta' wrajha hija ta' bil-ħaqq il-Librerija, li tħaddan fiha kotba miktuba bl-idejn li m'hemmx prezzhom, għal qdumithom u l-importanza tagħhom. Il-Patri ħadna narawha, u għalih din il-Librerija għandha siwi speċjali, għax barra l-għadd ta' manuskritti fuq il-Bibbja, fiha nsab wieħed mill-manuskritti l-aktar importanti, li hu l-*Codex Sinaiticus*, manuskritt li fih 347 folja, bit-test tal-Bibbja kollha, minn barra xi folji mit-Testment il-Qadim, li ntilfu. Dan kien sabu fil-Monasteru l-istudjus Ġermaniż C. Tischendorf, fl-1844.



*Il-Knisja tad-D e j r tas-Sinaj, u l-minaret ma' ġenbha, li bnew il-Patrijiet.*

Minn hawn ittieħed f'Lipsia, Petrograd, u issa jinsab fil-*B r i t i s h M u s e u m;* min jgħaddi minn Londra, ma għandux ma jitawwallux titwila.

Dan l-aħħar l-Amerikani kienu ħadu ħsieb din il-Librerija prezzjuża, u biex ma jħallux dan it-teżor jintilef, u biex huma wkoll ikollhom kopji tal-manuskritti kollha, u l-istudjużi jkunu jistgħu jinqdew bihom fl-istudji tagħhom, ħadu r-ritratti tal-manuskritti kollha li hemm; m'hux tal-Bibbja biss, imma wkoll ta' ħafna xogħlijet oħra tal-qedem, b'għadd kbir ta' ilsna tal-Lvant. Meta morna hemm aħna, kienu għadhom kemm temmew ix-xogħol; u ta' Amerikani li huma, ħallew l-apparati kollha fil-Monasteru, u rranġaw il-Manuskritti kollha bl-ordni fuq l-ixkafef tal-azzar; hekk il-qadim twaħħad fi ħbiberija fejjieda malġdid.

Il-Patri daħħalna fis-sala b'sens ta' kburija b'dan it-teżor. Ma għadhomx iħallu jimraħ fil-Librerija lil kull min irid u jogħġbu, fuq li kien ġralhom. Iżda issa jsakkru kollox u jieħdu ħsiebu sewwa. M ' h i x s a tarġa tiġri l-istorja ta' Tischendorf, li ntebaħ bil-*Codex Sinaiticus* minn xi folji li sab fil-qoffa tal-Patri li kien sejjer bihom biex ikebbes in-nar. Issa tgħallmu, bi profitt għaliehom, u għalina wkoll.

Iżda din il-Librerija tfakkrek f'ħaġa oħra: il-Patrijiet tal-lum jgħożżuha u jibżgħu għaliha; iżda ta' qabilhom, mijiet ta' snin ilu, għamlu xi ħaġa aħjar, għax bnewha u u għerqu bl-istudju fuqha. Il-Librerija, għal Patrijiet Griegi Ortodossi tal-lum, hija ħaġa tal-Mużew, ta' interess biss għal barranin. Għaliehom, il-manuskritti huma magħluqa. L-istudju fosthom ma jeżiżtix aktar. Fosthom u fost oħrajn tal-Lvant, issib tiġri l-ideja li l-istudju jkabbrek u jonfħok bik in-nifsek, u jtellfek issempliċità Nisranija tal-Vanġelu, u jbiegħdek minn Alla. Għal hekk, barra mix-xogħol tal-Monasteru, ħlief ikantaw l-Uffiċjatura fil-knisja, minn sbieħ Alla sa jidlam, ma jagħmlu xej aktar.

*It-Teżori tal-Monasteru.* Mil-Librerija sibna ruħna ġewwa kamra mdaqqsa. F'nofsha hemm mejda b'vetrina fuqha, li fiha hemm merfugħa l-abiti sagri tal-Arċisqof ta' Sinaj: ħwejjeġ, kuruni, xema'; kollox jilma bil-fidda, deheb u ġawhar. Nisthallijkom tgħiduli: "Mela hawn, hawn l-Arċisqof?" Iwa. Dan l-Arċisqof għandu l-awtorità fuq Sinaj kollha, u ma għandu 'l ħadd fuqu. Il-knisja Griega ta' Sinaj hija awtonoma, u ma tagħraf lil ħadd aktar fuqha ħlief lil Kristu, u seba' Konċilji Ekumenki li saru qabel is-sena 1,000. U ħadd ma jidħol fil-Monasteru jekk ma jkollux il-permess tal-Arċisqof, li għandu l-Palazz tiegħu fil-Kajr. U min imur hemm, imbagħad, ikollu ċertifikat bi xhieda taż-żjara tiegħu fuq il-M u n t a n j a Mqaddsa ta' Sinaj.

*Is-Swar.* Minn hawn il-Patri ħadna dawra mal-ħitan jew aħjar masswar tal-Monasteru. Għedna li fiddeżert, l-Eremiti, kienu dejjem filperiklu li jaħbtu għalihom il-Bedwin tad-deżert, għal hekk kellhom jaħsbu għal rashom. L-Imperatur Ġustinjanu bnielhom din il-fortizza, u bagħat għal dan il-għan, għadd kbir ta' nies. U aktarx li ħafna Bedwîn li hawn jiġġerrew fix-xagħri tas-Sinaj, ma' dwar il-Monasteru, huma n-nisel ta' dawn il-ħaddiema mibgħuta hawn minn Ġustinjânu fisseklu VI.

Waqt li konna għaddejjin minn fuq dawn il-ħitan ħoxnin, il-Patri wriena minn fejn kienu jtellgħu l-Pellegrini li kienu jiġu jżuru l-Monasteru fl-imgħoddi. Hemm daqsxej ta' kamra, u f'nofsha rota ċatta imserrħa fuq fus, u ħabel nieżel minn speċi ta' gallarija ħierġa 'l barra, u miegħu mdendla qoffa. Meta kien ijħabbat il-bieb xi ħadd biex jidħol, il-Patrijiet kienu jniżżlu din il-qoffa u jtellgħu l-Pellegrin fiha. Il-lum dan ma għadhomx jagħmluh, għax il-periklu ma għadux li kien; iżda l-bieb tad-dħul għadu ċkejken u dejjaq, bħal ma kien. Minn din it-tieqa, jew gallarija, il-Patrijiet għadhom iniżżlu l-ikel u l-ħwejjeġ, xi tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa, li jagħtu lil Bedwîn tal-inħawi tagħhom.

Dħalna wkoll fir-refettorju l-qadim. Din hi sala kbira bis-saqaf tromba. Mal-ħitan hemm xi pittura tal-qaddisin. Fil-fond hemm artal b'pittura fuqu antika, magħmula minn wieħed mill-Patrijiet; pittura tal-Ġudizzju, li tqajjimlek xagħrek xewk-xewk. Il-Kruċjati, wkoll hawn, ħallew tifkiriethom. Hawn jiġu jieklu l-Patrijiet; ikel fqir, għax fosthom ijsaltan l-ispirtu tal- penitenza u l-faqar. Lussu u tħarbit tal-mejda ma jafux x'inhu. Waqt l-ikel jaqraw mill-ħajja tal-qaddisin u l-Vanġelu u l-Kotba Mqaddsa.

Waqt li konna għaddejjin, il-Patri daħħalna f'waħda mill-kmamar tal-Patrijiet sħabu. Dawn il-kmamar jinsabu mibnija taħt ħajt, bi swit il-biċċa tal-Kunvent merfugħa għal Pellegrini li jgħaddu xi jumejn hemmekk. Dawn il-kmamar jixhdu l-ispirtu tal-faqar tal-Patrijiet. Lussu xej. Sodda, siġġu, mejda ċkejkna, xi ftit kwadri tal-qaddisin malħajt, u x'erba' kotba bil-Grieg tal-Liturġija; xej aktar. Għal kmamar tagħhom ma jħabblux rashom, iżda għal knisja ma jafux x'jaqbdu jagħmlu biex iżejjnuha. Hija t-talba ħierġa minn qalbhom lejn Alla l-Imbierek. J'Alla jisma' talbhom u jilqa' l-penitenza tagħhom, biex ifittex jasal il-waqt meta dawn jinġabru fi ħdan il-knisja mqaddsa, bħal ma kienu darba. Dawn in-nies ħallew id-dinja u ġew hawn biex jgħaddu jiemhom fil-ġabra t'Alla l-Imbierek. Jinsabu xi tletin. Fosthom hemm xi erbgħa għadhom żgħar ġmielhom. Is-superjur tagħhom hu l-Arċisqof ta' Sinaj mgħejjun minn xi erba' Arkimandriti. Hawn jittamaw li jtemmu ħajjithom, għal kemm uħud minnhom jgħaddu ftit tas-snin hawn u mbagħad ijmorru f'xi Monasteru ieħor.

*Il-Kamra tal-Mejtin, u l-ġ n i e n .* Kien għad fadal ħaġa, u din, il-Patri ħallihielna għall-aħħar. Barra l-bieb ewlieni tal-Monasteru, hemm daqsxej ta' ġnien, li meta tqis innixfa u l-blat għeri tal-inħawi, fih tas-sew għaxqa. F'din il-ġenna tal-art, il-Patrijiet jidfnu l-iġsma ta' sħabhom, meta ruħhom tkun taret għas-sema, wara ħajja ta' sagrifiċċju u penitenza, u talb bla weqfien. Hawn ukoll jindifnu l-Arċisqfijiet ta' Sinaj.

Meta jgħaddu ftit tas-snin middifna, għandhom id-drawwa li jaqilgħu l-mejjet u jerfgħu għadmu f'kamra, u kif ngħidilkom jien, Alla jħares xi ħadd ikun jitwaħħax mill-mejtin, għax malli jilmaħ x'hemm f'din il-kamra, jiċċassa għal dejjem bil-qatgħa. F'din il-kamra, mela, ma hemmx ħaġa oħra ħlief għadam stivât, waħda-waħda, fuq xulxin, b'ordni tal-għaġeb. Tistħajjlek qiegħed

tara xi qabda ġugarelli stivâti x-xatt tal-belt; u kollox bl-ordnijiet: riġlejn għaliehom; idejn għaliehom; irjus u kustilji, għaliehom. F'kelma waħda, kollox għalih. Nhar il-Ħaqq, il-Patrijiet sa jkollhom biċċa xogħol kbira x'jagħmlu biex kull wieħed isib għadmu! Din hija *ċ-Chapel of Bones*, il-Kappella tal-Għadam, ta' Sinaj.

Il-għadam tal-Arċisqfijiet u l-Isqfijiet ta' Sinaj, jirtefgħu f'kaxxa għaliehom; u hemm ħafna minnhom; kollha bl-isem tal-mejjet minn barra. Ħaġa oħra li tkexkxek, jekk tkun daqsxej waħda bl-immaġinazzjoni ħajja ż-żejjed, hi, li kif tidħol hemm, fuq il-lemin, tara skeletru mlibbes, bil-qegħda fuq pultruna, b'kuruna u salib f'idu. Dan hu Patri Stiefnu, li miet fis-sena 580 W.K., bil-fama ta' qaddis. Il-Patri dawwarna dilkamra qisu qiegħed jurina x'erba' statwi fil-Mużew. U aħna, ħafna minna, b'wiċċna mqarras.

Wara dawra bħal din, u ż-żjara fuq Ġebel Musa fil-għodu, għajjejna; morna nieklu, u rqadna raqda bilkif. Għax fil-għodu kmieni, x'uħud minna, kellna nitilgħu fuq Ġebel Katrin, li hu 8,169 pied ogħla minn wiċċ il-baħar.

DUN KARM SANT.

# IL-PARABBLA TAL-INBID

Isimgħu: wieħed raġel, sid miel, kien sa jsiefer. U sejjaħ lid-dajjâr tiegħu u taħ ġarra nbid u qallu: "Żommli din il-ġarra nbid, qadim u tajjeb, magħsur mill-aħjar għeneb tad-dwieli ta' missieri, u ħudli ħsiebha sewwa; għax meta narġa' niġi mis-safar, lil ħbieb li jiġu jifirħu bija, irrid nisqihom ftit minnu, biex nurihom kemm nistmahom".

Siefer sid il-miel, u d-dajjâr ħa l-ġarra tal-inbid f'daru. Darba f'nofs inhar qaltlu l-mara: "Ejja nieħdu ftit inbid minn tal-imgħallem!", u sama' minnha żewġha, u fetħu l-ġarra u xorbu tazza nbid kull wieħed, u żiedu flokha nbid tas-suq. Kif ir-raġel ħareġ, il-mara xorbot tazza oħra inbid mill-ġarra t-tajba u żiedet tazza nbid irħis. U baqgħu sejrin hekk, jixorbu l-inbid it-tajjeb, tazza tazza, u jżidu l-ġarra bl-inbid ħażin.

Fl-aħħar raġa' mis-safar sid il-miel, u għajjat lill-ħaddiema biex jistħarriġhom fuq xogħolhom. Ġie wkoll id-dajjâr u ġieb il-ġarra tal-inbid, u sid il-miel fetaħha u mela tazza u daqha, u beżqu l-inbid minn ħalqu, għax sabu ħażin. U għadab għadab kbir għad-dajjâr bla fejda, u qallu: "Ja dajjâr ħażin u bla ġiħ, dan hu l-inbid it-tajjeb li ħallejt għandek biex tibżagħli għalih? Hekk, li kien minn għalik, biex thenni lil żaqqek, kont sa toħroġni ta' iblaħ mal-ħbieb?" U d-dajjâr ma għarafx iwieġeb. U qal sid il-miel lill-ħaddiema: "Orbtulu saqajh u jdejh u ixħtuh fil-bir ta' bla ilma, u soddu l-bir b'ħaġra u ħalluh hemm, biex jitħallas kif ħaqqu talgħajb li ried jagħmilli!"

Min għandu widnejn biex jisma', jisma!

---

*QAWL TAL-PALESTINA*: Agħti l-ħubeż lil-ħabbâż, wa lew akal nosshu. Jiġifieri: "Agħti l-ħobż lil tal-forn, imqar jekollok nofsu". Irid jgħid il-qawl, li x-xogħol għandna ntuh lil min hu tas-sengħa, għax għad li jisirqek fil-ħlas, la hu tas-sengħa, biċċa xogħol sewwa toħroġ minn taħt idejh.

# MEWT U HAJJA

Dak li għedna fil-kitba: *Tibdil il-Għassa,* fl-ewwel ħarġa ta' dan il-Qari tas-sena 1959, nistgħu ntennuh ukoll din id-darba. Issa wkoll kull ħadd jaf, mir-radju u mill-gazzetti li l-Papa Ġwanni XXIII miet, u li wrajh laħaq Pawlu VI. Imma ma jaqbilx li ma ngħidux xi kelma fuq il-mewt tal-Papa Ġwanni, għax il-mewt tiegħu kienet ġrajja ta' għafsa ta' qalb, aktar mill-mewt ta' ħafna Papiet oħra, minn mijiet ta' snin 'il hawn. Nistgħu ngħidu għalih il-kliem tal-Bibbja: *Dum adhuc ordirer succidit me* (kif kont għadni narma n-newl, qatagħli l-biċċa. Ktieb ta' Isajija, XXXVIII, 12). Għax, għad li xiħ, Papa Ġwanni kien raġel f'saħħtu, u kellu tamiet kbar li jagħmel il-ġid; m'hux lill-Kattolki biss, imma lill-Insara kollha. U m'hux lill-Insara biss, imma wkoll lil dawk li m'humiex, billi jurihom l-aħjar triq għassliem u l-hena. Kliem fuqu isbaħ minn dan, li kien f'gazzetta Ingliża, ma nafx jekk jistax jingħad:

*Since his election in 1958, Pope John, had perhaps more than any other Pontiff in recent history taken an immense personal interest in world political events. By taking an active part in the maintenance of World Peace, by messages to world leaders, the Pope inspired the confidence of Christians and non-Christians alike; and by his love of Man, gained the love of mankind...... his warmth, humility and humanity captured the hearts of not only Catholics, but people of all Faiths; nor is it Catholics alone who mourn his passing — the entire world joins with them in their bereavement.*



Miskin Papa Ġwanni! Għad li ma weriex, biex ma jsewwidx il-qlub tannies ta' ma' dwaru, imma ċert li miet imnikket. Għax, f'daqqa, kif ix-xogħol kien fl-aħjar tiegħu, bla ħsieb u bla ma kien jistenna, marad u miet. Ma mietx bix-xjuħija, imma b'marda li tista' tiġi fuq kull ħadd. Miet b'uġigħ kbir fisku, u uġigħ akbar moraħ, għax l-egħżeż xewqa tiegħu, il-Kunċilju Ekumenku, ma satax itemmu hu.

Imma fil-Knisja, billi għandha għeruqha fid-Divinità ta' Dak li sejjisha, xej ma jista' jonqos. Jitbiddel iwa, imma jonqos le. Għal hekk, ftit wara li t-tmun tagħha kellu jitilqu l-Papa Ġwanni XXIII, qabdu f'idejh mex-

xej ieħor ta' ħila bħalu, bl-isem ta' Papa Pawlu VI, li kif minn issa tagħa l-kelma, sa jibqa' sejjer bix-xogħol ta' dak ta' qablu, billi fil-Knisja snin u nofs ilu, hekk intennu din id-darba: jaqbel u meħtieġ li nitolbu għal Papa Pawlu VI, għax il-ħajja tal-Papa ma hix xi ħajja ta' mistrieħ.



jtemm il-Kunċilju Ekumenku, u fid-dinja juri li l-hena u s-sliem ma jinkisbuh bil-herra u t-theddid, imma bil-ħlewwa u l-mogħdrija.

U bħal ma għedna f'dal-Qari erba' Hi ħajja ta' xogħol u taħbil il-moħħ, bi nhar u bil-lejl, u għat-temma tagħha huma meħtieġa għerf u saħħa.

L-Editur.

# SAN GWANN U L-GIRADI

Hi ħaġa minn awl id-dinja li meta tiġi il-festa ta' xi qaddis kbir, issemmih u taħseb fuqu. Għal hekk billi f'Ġunju, kienet il-festa ta' san Ġwann il-Għammiedi, l-aħħar u l-akbar qaddis tal-Għaqda l-Qadima, jaqbel li ngħidu xi ħaġa fuqu, għax inkella nħossu fina li nqasna minn xi dmir.

San Ġwann ma tistax tikteb, anqas fil-qosor il-ħajja tiegħu, għax minnha ma nafux għajr xi żewġ farkiet. Imma hemm ħaġa li minn għalija rrid ingħidha, għax ilha fuq ras ilsieni żmien. Għax jien (kliem bejnietna), ma nemmenx li san Ġwann kien jiekol il-ġiradi, bħal ma jinsab miktub fiż-żewġ Evanġelji, ta' san Mattew u ta' san Mark. Jien naħseb li, dak il-kliem kif jinqara issa, huwa żball ta' kopista. Fl-Evanġelju ewlieni, dak li kiteb san Mattew, naħseb jien, ma kienx miktub hekk.

Kull min iħobb jaqra l-Evanġelju, hawn Malta wkoll, kull ħadd jaf li kien fih xi kliem mittieħed b'ieħor, u li għad hemm xi ftit issa wkoll. Għax meta nkiteb l-Evanġelju, u żmien twil wara, ma kienx hawn matbgħa. In-nies kienu jiktbu dejjem bl-idejn. Li wieħed jegħlet fil-qari hu u jtenni kitba minn fuq kitba oħra, hi ħaġa ħafifa kemm tista' tkun.

*Għaliex naħseb hekk* — Hemm miktub, mela, fil-bidu tal-Evanġelju, li san Ġwann il-Għammiedi kien liebes qmis tas-suf tal-ġemel, u mħażżem bi ħżiem tal-ġild ma' dwar qaddejh. *U iklu kien ġirâd* (plural) *u għasel xôri.*

Min ma jafx il-Palestina, f'dan il-kliem ma jara xej għarib. Jaħseb aktarx li f'dak il-pajjiż hemm ħafna ġirâdi, u li n-nies jieklu minnhom bħal ma Malta nieklu l-bebbux. Imma min jaf il-Palestina jaħseb ħaġa oħra. Għax f'dal-kliem hemm *improbabiltà* kbira ,kif sa naraw hawnekk.

San Ġwann kien iħabbar taħbiru fuq ix-xatt tax-xmara tal-Ġurdan, f'naħa jgħidulha l-Ħoġla, ftit 'il fuq minn fejn ix-xmara tixteħet fil-Baħar il-Mejjet. Ix-xmara fiha s-siġar fuq iż-żewġt ixtut tagħha, imma wara dawn is-siġar, in-naħa l-waħda u l-oħra, ma hemmx ħlief barr: xôri kbir ta' art niexfa u mielħa, mingħajr ebda atar ta' ħaxix. Jekk issaqsi lil xi ħadd li mar il-Palestina, jgħidlek xorta waħda bħal ma qiegħed ngħidlek jien. Issa, l-ġirâdi jgħixu qalb il-ħaxix għoli, bħas-silla, jew inkella qalb ix-xewk u l-għaxeb ta' xi wied. U hawn ukoll, ma jkunx hemm għajr waħdiet. Aħseb u ara kemm kien hemm ftit f'dawk l-erba' siġriet ta' xatt il-Ġurdan, li warajhom, għajr art niexfa ma hemm xej.

Ara kemm hu hekk: fis-27 ta' Diċembru tas-sena 1925, aħna, x'erbat iħbieb u qassis, morna nduru dawra bil-karozza 'l hemmekk. L-ewwel morna ngħumu fil-Baħar il-Mejjet, u minn hemm soqna lejn il-Ġurdan. Hemm il-qassis qaddes taħt is-siġar (għax kien ġieb artal żgħir miegħu, jingħalaq bħal kaxxa) u aħna tqarbinna u smajna l-quddiesa. Wara ħadna *breakfast* ġewwa għarix kbir tal-Għarab fuq xatt ix-xmara, imbagħad irkibna dgħajsa, u wieħed Għarbi qadef bina 'l fuq. Fl-aħħar, meta għidnielu, telaqna nieżlin mas-

sejr tal-ilma, u kif ġejna fejn konna qabel, tlajna l-art. Wara qagħdna nduru ftit u tlaqna minn hemm. Ma' tul dan il-ħin kollu, dawra ta' xi siegħa u nofs, ma rajniex ġirâda! Anqas waħda biss. Jekk mela fuq ix-xmara ma hemmx ġirâdi, minn fejn kien jaqbadhom san Ġwann?

*Ġirâdi u sriep* — Issa oħra. Hu minnu li dawk il-Għarab li jgħidulhom *Bedu*, li ma għandhomx dar, imma li dejjem jiġġerrew minn wied għal wied, bil-għanem tagħhom, li jgħammru taħt għarejjex li jġorruhom magħhom kull fejn imorru, drabi jieklu xi ġirâda. U jieklu s-sriep ukoll! Is-serp, meta jaqbduh, jaqtgħulu xiber min-naħa ta' rasu u xiber ieħor, jew ftit anqas min-naħa ta' denbu u jqaxxruh u jixwuh; jgħidu li hu tajjeb ħafna: togħma ta' ħut. Lil ġirâdi wkoll, ma jeklu-homx kollha: jieklu ż-żaqq tagħhom biss. Is-sidra, u r-ras, u s-saqajn u s-skieken, li jkunu jebsin, jarmuhom. Tafu kif ikunu l-ġirâdi. Għalhekk, raġel, biex jgħix bihom, li bħal ma għedna jiekol minnhom iż-żaqq biss, kien irid xi ratal żquq tal-ġirâdi kull jum! Mela x'kellu jagħmel san Ġwann, ixandar il-kelma t'Alla, jew jiġri wara l-ġirâdi? Ara ma jkunx hemm min jaħseb li dik is-sena kienu daħlu l-ġirâdi fil-Palestina. Għax li kien hekk, Ġużeppi Flavju, li semma ħafna rqaqat ta' dak iż-żmien, ma kienx sejjer ma jsemmihomx.

U issa, la ġejna f'dan, anqas il "għasel iswed u magħqud li joħroġ mis-siġar, li daqs kemm hu ħelu, biex jixorbuh, iħalltuh bl-ilma", li semma Patri Curci, ngħid għalija, qatt ma smajt bih kemm domt hemmekk. (U domt hemm erbat ijiem sewwa: tlettaxer sena neqsin tliet xhur). U għax Patri Curci ma semmiex x'siġar huma li jagħmlu dan l-għasel? U kif issa li hemm il-Lhud, ma ssemma xejn li qegħdin jagħmlu xi ras il-miel minn għasel tajjeb bħal dan?

Minn dan li għedna jidher li l-għidut li san Ġwann kien jiekol il-ġirâdi (u jixrob il-għasel) huwa improbabli kemm jista' jkun..

*Fejn huwa l-għelt* — Il-fehma tiegħi hija li dak il-kliem huwa *żball ta' kopista.* Ejja naraw flimkien kif aktarx kien l-oriġinal.

Il-kliem li għedna l-ewwel: *U iklu kien ġrâd u għasel xôri,* bil-lsien tal-Palestina li jixbah ħafna lil Malti, kien bejn wieħed u ieħor hekk: *W-akâlu kân ġrad m'għasel xôri.*

Issa, fil-Palestina u t-Transġordanja, dak iż-żmien u issa wkoll, irġiel f'rashom jilbsu ħaġa li jgħidulha akâl. Ikun bħal ħabel, mitni għal tnejn, donnu kawwâra, u ħarqa tal-qoton jew tal-għażel (u dażżmien ġiè li tkun tal-ħarir) imrebbgħa; jitnu l-ħarqa, it-tinja minn rokna għal rokna, li tiġi bħal *trijanġlu,* jixħtuha fuq rashom, u jilbsu fuqha l-ħabel magħmul kawwâra, biex iżżommilhom bih.

Mela, l-kliem oriġinali li kien hemm fl-Evanġelju, naħseb jien li kien hekk: *W-akâlu kân x r a t, m'għażel Xûri,* li tfisser: *U l-akâl tiegħu* (ix-xidd ta' rasu) *kien* (*qfieli*) *taċ-ċraret tal-għażel tas-Surija.*

Hekk, il-kliem jiġi naturali, u ma hemm ebda *improbabiltâ.* L-Evanġelista kien qiegħed jitħaddet fuq kif san Ġwann kien liebes (libsa tas-suf u ħżiem tal-ġild), u baqa' jgħid kif kien liebes f'rasu wkoll: m'hux qaleb fuq x'kien jiekol. Ma kienx hemm għal fejn. Kien jiekol dak li jagħtuh in-nies li jaqsmu

x-xmara minn fejn kien qiegħed ixandar hu.

Mela, aktarx li dan kollox. San Ġwann kien liebes bħal ma jilbsu n-nies tar-raba — il-Fellaħin — fis-sajf il-Palestina, daż-żmien ukoll: bħal franella twila sal-pxiexen tas-saqajn, ħżiem tal-ġild, jew terħa, u f'rashom akâl. Tas-sew li san Ġwann aktarx ma kienx iħabbar fis-sajf, imma fir-rebbiegħa, għal ħabta li n-nies kienet tielgħa lejn Ġerusalem, għal festa tal-Għid il-Kbir, imma dik in-naħa tal-Palestina, ma' tul il-Ġurdan, mill-Baħar ta' Tabarija sal-Baħar il-Mejjet, dejjem sajf. Fejn semmejt l-ewwel, il-Ħogla, fejn kien iħabbar san Ġwann, qiegħed qisu: elf, mitejn u disgħin pied (1,290) 'l isfel minn wiċċ il-baħar Mediterran. Is-sħana li tagħmel hemm tal-biża'. Tinsiex li jien għedt li aħna għomna hemm f'xi t-tmienja ta' fil-għodu fis-27 ta' Diċembru, jumejn wara l-Milied, jiġifieri fl-aqqall tax-xitwa. Għal hekk san Ġwann kien liebes kif jilbsu l-Fellaħin fis-sajf.

BEN JEĦUŻA.

# MIRJAM IN-NASRIJA

Kien fl-aħħar tax-xahar ta' Nisan. Il-għelieqi ta' madwar l-erba għorof li minnhom kien magħmul ir-raħal ta' Nasra kienu jħaddru bil-ħaxix, u bejn il-ħaxix, xewwiexa ward; u fuq il-ward friefet jittajru. Ġewwa s-siġar taż-żebbuġ, tal-ġewż u tal-għargħar, il-għasafar ipespsu, telgħin u neżlin, mill-art għas-siġar u mis-siġar għall-art, iġorru il-frak tal-ħaxix niexef u xi malluta suf tan-nagħaġ, ħalli jagħmlu l-bejta.

Quddiem għorfa mill-għorof taħt id-dell ta' dielja tħaddar, kien hemm mara twila, irqiqa bajdanija, taħsel il-ħwejjeġ ġewwa ħawt tal-ħaġar. Togħrok u togħrok u terfa' l-biċċiet tal-ħwejjeġ, tħares lejhom biex tara ndafux, u terġa' togħrokhom fl-ilma, bir-rmied tal-lissija.

"Joxwa!" sejħet il-mara. U kif qalet hekk ħareġ mill-għorfa tifel ta' xi disa' snin, liebes bħal qmis twila u mħażżem bi ħżiem tal-ġild; irqajjaq u bajdani, xagħru twil u qastni, u għajnejh suwed, bħal ommu xorta waħda. "Hawn, mâma!" weġibha. "Mur sal-għajn u ġibli ġarra ilma", qaltlu. U s-sabi qabad il-ġarra u telaq lejn il-għajn, fuq ruħu u ħafif bħal berqa.

Mirjam, il-mara, fetħet in-nifda tal-ħawt u ħalliet l-ilma joħroġ. Għasret il-ħwejjeġ u reġgħet xeħtithom fil-ħawt u sadditu mill-ġdid bis-saddieda. Is-sabi wasal bl-ilma dak il-ħin u beda jferragħ fil-ħawt mill-ġarra. F'daqqa waħda waqaf, u qabad iħares naħa oħra, fejn xi erba' subien kienu għaddejjin, jgħajtu u jitħaddtu bejnethom.

"Xi ġralek?" staqsietu ommu. "Dawk sejrin!" weġibha bil-ħatfa. "Ħa l-ġarra! Ħa l-ġarra, ħa mmur magħhom!" "Imma fejn?", staqsiet hija kif qabdet il- ġ a r r a . Is-sabi rafa' idu, irqiqa u bajda, ġiegħlha tmejjel rasha lejh u qalilha xi ħaġa f'widnejha. "Mela, la tmurx" weġbitu.

"Mâma, ħallini mmur! Ħallini mmur!" newwaħ it-tifel. "Oh..." qalet Mirjam kif għaqqdet idejha ma' xulxin. "Mur, mela mur! Inti taf xogħlok!" U t-tifel telaq jiġri għal wara s-subien l-oħra u Mirjam baqgħet tħares lejh sakemm għab wara ħarġa siġar tas-safsâf.

Il-ħin għaddej, u Mirjam hija u tonxor, kull waqt tħares, tara kienx ġej it-tifel. Għaddiet xi nofs siegħa, u mbagħad lemħitu. Kien ġej, milwi ftit 'il quddiem, miexi qajl qajl.

"X'għandek?" Staqsietu kif wasal. "Hawn" weġbiha, u għamel idu fuq kitfu, għan-naħa ta' dahru. "Ejja, ħalli nara", qaltlu u daħħlitu fil-għorfa. Ħallitlu s-sider tal-q m i s, ħarġitlu dirgħajh mill-kmiem u kixfitlu dahru sa qaddu. Fuq dahru kellu ħames daqqiet, twal, irqaq u ħomor, magħmula b'xi għasluġ iebes, bħal xi żarġun tad-dwieli.

"Min sawtek?" staqsietu. "Huma! Huma, t-tfal", weġibha. Mirjam ġiebet ħarqa tal-għażel miblula u ħaslitlu dahru. Ġiebet il-kus tażżejt u dilkiltlu fejn kellu mbenġel u reġgħet libbsitu. Imbagħad qaltlu: "Rajt? Inti ridt tmur!"

"Kelli mmur, mâma, għax kieku ma mortx......"

"Mela għaliex sawtuk?" reġgħet staqsietu. "Għax l-ewwel riedu jqattgħu d-dwieli ta' Magħżuż, u jien ma ħallejthomx. Imbagħad riedu jitilgħu fuq il-bejt ta' Sodoq u joqtlulu l-ħamiem, u jien ma ħallejthomx anqas. Imbagħad bdew isawtuni...."

"Imbagħad?" reġgħet Mirjam. "Imbagħad ħareġ Filemon, dak il-Grieg l-oħxon u kien sa jugżahom lir-Rumin tal-Qalgħa u jien ma ħallejtux. Imma qabel kellhom jagħtuni l-kelma li ma jagħmlux ħsara iżjed". "Iwa......" tniehdet Mirjam wara sikta qasira. "Simgħan qalli li mħabba fik sejf kellu jinfidli qalbi!"

"Imma, mâma, jekk ma jkunx dak is-sejf!......" wieġeb is-sabi. "Iwa, iwa," reġgħet Mirjam. "Jekk ma jkunx dak is-sejf, anqas ikun il-Ħelsien!"

"U minn dan... minn dan, imbierka jgħidulek il-ġnus kollha!" qal is-sabi.

FRA NAZARENU.

# IŻ-ŻEWĠ NISA.

Darba kien hemm raġel Mislem li kellu żewġ nisa; u lil waħda minnhom kien iħobbha u jżommha dejjem ma' ġenbu u lill-oħra kien iqabbadha tagħmel ix-xogħol kollu tad-dar. U waqt l-ikel ukoll: lil dik li kien iħobbha kien jgħajjatilha tiekol miegħu u lill-oħra kien iħalliha tiekol weħedha.

Darba dar-raġel mar is-suq u ġieb żewġ ħutiet il-ġmiel tagħhom, u mar fejn il-mara li kien iħobb u qalilha tmur miegħu u tagħmel kif jagħmel hu. Marru t-tnejn ħada l-mara l-ħaddiema u bdew ifaħħruha fuq kemm kienet taf issajjar, u qalulha li kellhom żewġ ħutiet sbieħ u talbuha biex ħuta minnhom tgħalliha u l-ħuta l-oħra tixwiha. Dik għamlet mill-aħjar u sajjret iż-żewġ ħutiet kif imiss, l-aktar għax ħasbet li billi dik inhar kien hemm żewġ xorta ta' ikel, ir-raġel kien sa jgħidilha tmur tiekol magħhom. Imma wara li sajjret u ħejjiet il-mejda, ir-raġel bagħtha 'l barra, u qagħad jiekol mal-mara l-oħra, u wara l-ikel għajtilha biex tiġi tneħħi l-platti minn fuq il-mejda.

Kif raha r-raġel qalbha sewda saqsieha: "Għaliex inti bil-geddum?" U hi qaltlu: "Għax qabel l-ikel faħħartuni, u wara l-ikel ma għaraftuni!" U dal-kliem sar qawl u għadu jingħad sal-lum, meta xi ħadd ifittxek meta jaħtieġek, u jitilqek wara li tkun għentu.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-Gimgha l-Kbira f'Gerusalem** — Din is-sena l-Għid il-Kbir tal-Latini (Kattolki) u tal-Ortodossi ħabat jum wieħed, għal hekk folol kbar ta' nies, f'dawk il-jiem, iltaqgħu f'Ġerusalem. Għadd kbir ta' Ewropijin u għadd



*Ġerusalem — il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu fejn isiru ċ-Ċerimonji tal-Gimgħa l-Kbira u tal-Għid.*

akbar ta' Xerqijin: Griegi, mill-Greċja u minn Ċipru; Qoptin mill-Eġittu, Sirjani u Libnanijin minn Damask u minn Bejrut, u Armeni minn ħafna bliet: Kotra minn dawk il-Qoptin, Għarab Insara, li ma kel-lhomx fejn jorqdu ġiebu mħadda u lħaf (gverta) u raqdu ġewwa l-Bażil-ka tal-Qabar ta' Kristu, mal-ħitan, u fir-rkejjen fl-art, jew fuq l-iħinka tal-ġebel, bħal bankijiet, li hemm 'l hemm u 'l hawn fil-mimxiet tal-Bażilka. Għal kemm kien hemm dawk in-nies kollha, iċ-ċerimonji, tal-Latini u tal-Ortodossi, saru sew-wa, li bis-sabar u l-għaqal xieraq stennew lil xulxin. Il-Pulizija Ġur-danija għamlet xogħol tajjeb. Kien hemm rixtellu tal-ħadid, għal dawk il-jiem, fil-misraħ żgħir ta' quddiem il-Bażilka u ma 'tul it-tarağ li jieħu għaliha, biex minn irid j i d ħ o l , jgħaddi min-naħa, u min irid joħroġ, min-naħa oħra. Ġlieda żgħira nqalgħet bejn l-Ortodossi Sirjani u Qoptin, waqt il-purċissjoni tagħhom, li waq-fet malajr. L-isbaħ funzjonijiet Kat-



*Ġerusalem — Dehra tal-Bażilka tal-Ġetsemni, minn barra —*

tolki saru nhar Ħamis ix-Xirka: fis-7, quddiesa Pontifikali fuq artal tal-fidda armat quddiem il-Qabar ta' Kristu, warajha, t-tberik taż-Żejt tal-Griżma u Purċissjoni bil-Qurbân, bil-kant, minn ġemgħa ta' Rhieb u tfal, li jgħidulhom *Schola Cantorum* ta' san Salvatur. Fis-2, wara nofs inhar, Ħasil tas-Saqajn u wara, l-Uffiċċju tad-Dlam. Fl-4 neqsin kwart, żjara l-bieb il-kbir. Meta ntemm kollox u n-nies kienu sejrin lejn id-dar u telgħin it-telgħa li mill-Ġetsemni tieħu għal Bieb san Stiefnu, ta' Ġerusalem, il-qamar ukoll deher tiela', kbir-kbir, aħmar-aħmar, u mnikket, minn wara Ġebel iż-Żejtun. Il-għada, l-Ġimgħa l-Kbira saret quddiesa tal-*Presanctificatorum* fuq il-Kalvarju, bil-kant tal-Passjoni u wara l-bews



*Ġerusalem — Il-Bażilka tal-Ġetsemni minn ġewwa. Ir-ritratt meħud minn ħdejn l-artal, li quddiemu hemm il-Blata tal-Agonija, fejn Ġesù għaraq l-għaraq tad-demm. Dil-Bażilka tkun maħnuqa bl-Insara ta' kull rit f'Ħamis ix-Xirka, waqt l-Ora Santa li ssir bil-lejl.*

lil knejjes Xerqijin — ta' san Ġakbu tal-Armeni, ta' san Mark tas-Sirjani u tal-Protestanti Ġermaniżi (hemm ma daħlux għax kienet qegħda ssir funzjoni), u l-Kommunità tar-Rhieb ta' san Salvatur marret żaret iċ-Ċenaklu. Fil-għaxija, mbagħad, fit-8, saret l-Ora Santa fil-Bażilka tal-Ġetsemni, li kienet maħnuqa bin-nies, mill-Blata tal-Agonija sa barra tas-Salib. Fil-ħdax, fil-għodu saret il-Vija Sagra fit-triq minn fejn jingħad li għadda Kristu bis-salib fuq kitfejh, imma fis-sewwa saru ħafna Vija Sagriet, m'hux waħda, għax biex jitħaffu ftit in-nies, it-Taljani għamluha għaliehom, il-F r a n ċ i ż i għaliehom, l-Ispanjoli għaliehom, u l-Ġermaniżi għaliehom ukoll. Wara saret il-Vija Sagra l-kbira, b'kotra

bla għadd ta' nies tista' tgħid minn kull naħa tad-dinja, fosthom ġemgħa ta' Kattolki Ċiniżi. Fit-3 sar l-Uffiċċju tad-Dlam, b'kant sabiħ wisq Ingliż, Franċiż, Għarbi u Spanjol. Il-funzjonijiet tal-Għid ukoll saru mill-aqwa, imma nħallu barra r-rqaqat, biex ma ntawwlux.



*Ġerusalem — Il-Purċissjoni ta' ħadd il-Palm minn Betfage għal Ġerusalem; mixja ta' aktar minn nofs siegħa.*



*Ġerusalem — il-Vija Sagra fit-toroq tal-belt, nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu. Is-Sitta Stazzjon, fit-telgħa tal-Kalvarju.*

tal-ġemgħa li semmejna, jew *Schola Cantorum*, u fil-għaxija, fis-7, saret il-Purċissjoni, bil-kurċifiss ġewwa l-Bażilika, bħal ma dari, b'seba' priedki: bit-Taljan, Ġermaniż, Grieg,

**Il-Patri Kumissarju tat-T.S.** — Il-Wisq Rev. P. Nikol Magro O.F.M., raġa' lura mit-Terra Santa fis-26 t'April fil-għaxija, wara żjara lit-Terra Santa ta' sitt ġimgħat sew.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

IL-BELT (L-Erwieħ): Fredu u Adrijana Chircop. Tona, Spiru Abela. Franġisku Cassar. Ġużeppi Piplow. Ġanni Mangion. Ġużeppi B o r g. Ġużeppa Mifsud. Ġużeppi u Ġulja Borg. Ġużeppi u Karmenu Grima. Ġużeppi Pantelleresco. E d w a r d Magri. Karlu, Mary, Cecil u Anna Borda. Ġianpatist S c h e m b r i. Karmena Schembri. Antonja, Ċensu, Abela-Galea. Sunta, Ġużeppi, Ġużeppa, Saverja, Karmena, Ġanni u Margerita Ciantar. Marija, Tankredi, Randa u Manwel Agius.

(Il-Ġiżwiti): Duminku u Marija Attard. Ġużeppa Mifsud. Ruġġieru u Konsa Ceci. Dolor, Ġużeppi, Karmenu u Ġanni Galea. Manwel Mamo. Katarina Galea, Charlie Azzopardi. Karmenu Camilleri.

IL-GŻIRA. Fredu u Karmena Vella. Pietru Patista, Salvu u Karmena Anastasi. Ġużeppi u Tereża Bonnici. Karmena u Ġuża Buhagiar. Marija, u Elena Mercieca. Joseph B a r t o l o. Pawla u Pawlu Bartolo. Rożina, Franġisku-Saverju u Katarina Natoli. Anġlu Buttigieg. Netta u Rużar Dimech. Anġlu u Innoċenza Xerri. Karmena u John Portughese. Lorenza u Pawlu Gambina. Federiku Holyer. Manwel D e m a n u e l e. Duminku Micallef. Ġużeppi Schembri. Kostanza u Karmena Azzopardi. Ġorġ u Karmena Muscat. Saverja Debattista Karmena Pulis. Karmenu u Grazja Portelli. Pawla Callus. Ġużeppi Mallia. Toni Zammit. Pawla Attard. Silvja u Karmena Attard. Anġla Vella.

TAS-SLIEMA (San G i r g o r): Dolor Pace. Karmenu u Karmena Sciberras. Karmenu Zammit. John, Connie, Frank, Vincent, Ġorġ, Mary, Barbara. Joseph Vidal. Manwela Azzopardi. Lily Azzopardi. Ġorġ, Alfred Gregory. Walter u Fantina Gregory. Karmenu Sammut-Alessi. Ġulja Millard. Karmenu u Wistina Mifsud. Ġuża, Katarina u Ġużeppi Galea. (Sliema): Karmena u Karmenu Debono. Anġlu S am m u t. Loreta Camilleri. Mikelina Vella. Rikardu Canataci. Antonja Bill. Indri Catania. Marija, Karmenu, Ġużeppi, Edwin Gaffiero. Ġenja C a l i c a r i. Meljana Arcicovic. Winnie Edwards. Arturo u Karmena Bonett.

IL-KALKARA: Familja Sultana. Marija u Ġorġ Buhagiar. Pawla u Wenzu Vassallo. Ġużeppi u Karmenu Tabone. Mejtin Familja Borg. Mejtin Familja Vella. Mejtin Familja Bonello. Mejtin Familja Borda. Spiridjun Attard u Anna Attard. Mejtin Familja Micallef. Salvu, Karmena, Ġużeppi, Neriku Manwel u Toni Cauchi. Karmenu, Karmena, u Ġanni Pisani.

ĦAL-QORMI: Karmni Mangion, Ġorġ u Wenzu Agius. Mikiel Pace. Konċett Agius. Vanġelista u Pinu Psaila. Karmnu u Ġorġ Ciappara. Karmnu Farrugia. Spiru, Ġorġ u Dolor Scerri. Ġuża Scerri. Lużar Farruġia. Ġużepp u Delina Bonnici. Ludgarda Saliba. Salvu, Grezzja, Karmni, u Datu Zerafa. Ċensa Callus. Grezzja Zerafa. Vittorja, Franġisku-Saverju, Mizzi. Vitor u Pawlu Farruġia. Karmenu Mizzi. Mikiel, Karmena u Toni Pace.

IŻ-ŻURRIEQ: Karmena u Rokku Zammit. Tereża Sammut u Manwela Imbroll. Ġiammarì Sammut. Silvja u Ġanni Bilocca. Katarin Cachia, Anġlu u Karmenu Farruġia. Marija Cachia. Ġanni u Anna Farruġia. Karmnu Bugeja. Anġlu u Karmena Tonna. Katarin Bugeja. Salvu u Karmni Darmanin. Karmnu Cachia. Fleiċ Camilleri. Katarin Callus. Ġanni Gauci. Pawla Damato. Marija u Karmni Bezzina. Karmnu u Mari Farrugia. Ġużeppi Coleiro.

IŻ-ŻEJTUN: Madre Ġużeppa Curmi. Ġużeppi, Anġla u Anjellu Camilleri. Ġużeppa Degabriele. Manwela Livori. Pawla Mercieca. Salvinu u Katarina Livori. Ġużepp Galea. Ġużeppa Galea.

L-IMSIDA: Ġanna u Mikiel Zammit. Ġorġ Micallef. Anġla u Ġużeppi Camilleri. Salvu u Ġużi Azzopardi. Manwel u Lena Sultana. Grezzja, Ġużeppi, Anna, Karmena, Ġanni u Fredu, Muscat.

SAN ĠILJAN: Pawlu u Lena Sammut. Pawlina, Lużarja u Tonina Borg. Tony Magro. Tona u Gerita Cefai. Gużeppi Calleja. Ġużeppi Xerri. Grezzja u Marijanna Canataci. Marija Borg. Filomen u Ġanna Spiteri.

IL-ĦAMRUN: Pawlu, Salvu, Ċensina Borg-Bonaci. Tony Gordon. Joseph Mangion. Elisabet Farrugia. Familja Mangion-Farrugia.

BIR-KIRKARA: Marija Stella Azzopardi. Rokku, Ġanna, u Konċetta Azzopardi. Vitor u Manwel Cauchi. Spiru Monsegneur. Ġużeppa Monsegneur. Wenzu Attard. Lorati Cauchi.

SANTA VENNERA: Ġanni u Kelina Costanzino. Tereż u Karmenu Sammut. Katarin u Ġużeppi Abela. Franġisk u Wenzu Pace. Anna Abela. Karmena u Salvu Debono. Anna u Karmenu Mercieca. Ġorġ Debono.

IL-MOSTA: Karmni Calleja. Ġammarì Muscat. Duminka Zammit. Franġisku Fredu Fenech. Karmni Camilleri. Bertu, Filomen, Ċikku,u Ġammarì Agius. Gawdenz Pace. Manwel Quattromani.

IL-FURJANA: Karmenu, Konċetta, Dolor, Karmenu Camilleri. Ġużeppa Cordina. Pawlu Ellul. Ewfemja Cefai.

ĦAŻ-ŻABBAR: Toni, Ann, Katarin, u Tereża Attard.

ĦAD-DINGLI: Franġisk u Pawla Zahra. Anna Farruġia. Ġużeppi Pulis. Innoċenza, Grezz u Pawlu Ebejer.

BORMLA: Karmenu Mifsud. Ġorġ Grace. Rafel Muscat.

RABAT (Malta)

Salvu u Marianna Catania. Ġian Paolo Elena Ġiuseppe Paolo Dolores Catarina Farruġia. Teresa u Carmela Tanti. Franz u Antonio Vella. Saċerdoti abbandonati. Evanġelista u Carmelo Ebejer. Conċetta u Ġiuseppe Ebejer. Franz u Anna Sammut. Agata u Greziu Borġ Feliċe Grech. Ġiuseppe u Carmela Camilleri. Paolo Ġiuseppe Greziu u Ġiuseppe Aquilina. Ġiuseppe u Ġiuseppa Ċefai. Ġiuseppa Franz Carmelo Conċetta Ġiuseppe Ermelinda Fenech.

GĦAWDEX (Sannat)

Ġużepp u Maria De Muscat. Francesco Paolo u Ġiusa Farruġia. Francesco Farruġia. Ġiusi Muscat Ġiusa Farruġia Ġuiseppe Galea. Calanċ Carmela u Rosina Galea Ġiuseppe Margherita Calanċ Dolores Salvu Carmelo Rosa Ġiuseppe u Michele Spiteri. Francesco Maria Carmela Maria Rosa u Michele Saliba. Rosina Maria Salvu Teresa Calanċ Pubblio Antonio Ġiusa Caruana. Feliċe Rosina Carmela Calanċ Ġiovanni u Grezia Merċieca.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*